MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 428/2023 LM

**Partit Nazzjonalista**

***vs.***

**Awtorità tax-Xandir**
**Public Broadcasting Services Limited (C 13140)**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors ġuramentat imressaq fit-30 ta' Awwissu, 2023 mir-rikorrent il-**Partit Nazzjonalista** [minn issa 'l quddiem 'il-Partit rikorrent'], fejn issottometta dan li ġej:

*"**Dikjarazzjoni Ġenerali***

1. *Illi l-**Partit Nazzjonalista** huwa partit politiku regolat skont il-liġijiet ta' Malta, u rappreżentat fil-Parlament ta' Malta permezz ta' deputati eletti f'ismu skont il-Kostituzzjoni ta' Malta.*
2. *Illi **l-partiti politiċi** għandhom sehem ewlieni f'soċjetà demokratika sabiex, flimkien ma' istituzzjonijiet oħra, inkluż partiti mhux eletti fil-Parlament,*

*għaqdiet mhux governattivi, korpi kostitwiti oħra, u rappreżentanti tal-minoranzi, jaħdmu għall-ħolqien tal-ġid komuni, f'ambjent demokratiku fejn is-saltna tad-dritt għandha tibqa' il-boxxla għal governanza ġusta.*

3. *Illi filwaqt li l-partit fil-Gvern, permezz tal-Eżekuttiv, għandu obbligu li jwassal, bl-aħjar mod, u b'kull mezz possibbli, informazzjoni ġusta u bilanċjata dwar it-tmexxija tal-pajjiz, kif ukoll l-iżvilupp soċjo-eknomiku u kulturali, il-partit tal-Oppożizzjoni għandu, huwa ukoll id-dmir li jwassal, bl-istess mod u bl-istess kejl, il-ħarsien u l-ġudizzju tiegħu fuq it-tmexxija tal-Gvern, u tal-aġenziji u kumpanniji immexxija minnu, kif ukoll imexxi 'il qudiem, b'kull mezz possibbli politika alternattiva għal dak li jkun fuq l-aġenda tal-Gvern.*

4. *Illi* ***d-dritt taċ-ċittadin*** *li jingħata informazzjoni imparzjali u bilanċjata fuq il-mezzi tax-xandir dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrija, jew li jirriferixxu għal* policy *pubblika korrenti, huwa protett bil-Kostituzzjoni ta' Malta bit-twaqqif tal-Awtorità tax-Xandir (fn. 1 Artikolu 118, Kostituzzjoni ta' Malta) u il-Liġi dwar ix-Xandir, kif ukoll b'konvenzjonijiet u trattatti internazzjonali, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Drittijiet tal-Bniedem.*

5. *Illi l-****Kostituzzjoni ta' Malta*** *tagħmel mill-istess Awtorità tax-Xandir l-għassies legali tal-imparzjalità u l-oġġettività, fost oħrajn fl-aħbarijiet u fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti, fejn trid tassigura wkoll li x-xandar jibqa' jżomm imparzjalità sħiħa fejn jidħlu ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew tax-xejra pubblika magħrufa taż-żmien, (fn. 2 Artikolu 1, SL 350.14, Ħtiġiet dwar Standards u Prattika li japplikaw għal Bulettini tal-Aħbarijiet u l-Programmi ta' Ġrajjiet Kurrenti) kif ukoll li tassigura li l-aħbarijiet jixxandru b'eżattezza.*

6. *Illi* ***l-Awtorità tax-Xandir*** *hija imwaqqfa bil-Kostituzzjoni u l-****Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni*** *jiddiskrivi l-funzjonijiet tal-istess Awtorità bħala dik li:*

> "(1) Tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura li, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti.
>
> (2) Il-funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun bla ħsara għal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-oħra li jistgħu jiġu mogħtija lilha b'xi liġi li tkun dak iż-żmien isseħħ f'Malta."

7. *Illi skont* ***l-Artikolu 10 tal-Att dwar ix-Xandir*** *(Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta), l-Awtorità tax-Xandir għandha is-setgħa li toħroġ liċenzji ta' xandir televiżiv u*

*radjofoniku, ħlief għal dawk l- stazzjonjiet li jkunu proprjetà jew kontrollati minn kumpannija tal-Gvern, liema liċenza, f'dak il-kaz, tkun maħruġa mill-Ministru responsabbli għax-Xandir.*

8. *Illi d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta u kull liġi sussidjarja magħmula taħtu, jibqgħu japplikaw għal dak id-detentur ta' dik il-liċenza mogħtija mill-Ministru responsabbli lill-stazzjonjiet proprjetà jew kontrollati minn kumpannija tal-Gvern, u għalhekk l-Awtorità tax-Xandir għandha is-setgħa li taqdi d-dmirijiet regolatorji tagħha skont il-liġi fuq l-istess detenur tal-liċenzjat mill-Ministru responsabbli tax-Xandir (fn. 3)*

9. *Illi* ***Artikolu 13 tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta*** *jistipula b'mod ċar li l-Awtorità tax-Xandir trid tassigura li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta u li jiġu preżentati bl-imparzjalità dovuta mis-servizz pubbliku tax-xandir pubbliku (fn. 4 Artikolu 13(2)(b) u (c)), kif ukoll li tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li għandhomx x'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti.*

10. *Illi* ***s-soċjetà intimata, Public Broadcasting Services Limited, (PBS)*** *bħala kumpannija tal-Gvern, għandha liċenza tax-xandir televiżiv u radjofoniku mogħtija mill-Ministru responsabbli għax-Xandir skont Artikolu 10 4D tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex toffri servizz pubbliku tax-xandir.*

11. *Illi s-soċjetà intimata, bħala liċenzjat li toffri servizz pubbliku tax-xandir, u li għandha il-kontroll assolut tal-Gvern, qed tikser b'mod lampanti l-obbligi tagħha naxxenti mill-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u mill-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta stante li konxjament qed tonqos milli tassigura li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi, partikolarment fil-Bullettin tal-Aħbarijiet, jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta u bl-imparzjalità (fn. 5 Kap 350, Artikolu 10(4Ċ),* "Stazzjonijiet li jkunu proprjetà jew kontrollati mill-kumpannija tal-Gvern imsemmija fis-subartikolu (4D) jew li dwarhom dik il-kumpannija tkun responsabbli editorjalment għandu jkollhom liċenza mill-Ministru. Sabiex l-Awtorità tkun tista' taqdi d-dmirijiet regolatorji tagħha skont il-liġi, il-Ministru għandu, kemm jista' jkun malajr, wara d-data tal-ħruġ ta' kull liċenza lill-kumpannija tal-Gvern hawn qabel imsemmija, jinnotifika bil-miktub lill-Awtorità b'kopja ta' dik il-liċenza. **Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan l-Att u kull liġi sussidjarja magħmula taħtu għandhom jibqgħu japplikaw għal dak id-detentur ta' dik il-liċenza."** *(emfasi rikorrent)), kif ukoll xjentement qed toħloq żbilanċ eċċessiv kontra ir-rikorrenti permezz ta' manipulazzjoni partiġġjana fit-twassil tal-informazzjoni mill-Gvern, u dan minkejja li sitt xhur ilu, fis-27 ta' Frar 2023, il-Qorti Kostituzzjonali sabet li l-intimati flimkien*

*responsabbli ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent Partit Nazzjonalista.*

***<u>L-Ilment li wassal għal din il-kawża</u>***

12. *Illi fil-15 ta' Lulju 2023 ir-rikorrenti ressaq ilment quddiem l-Awtorità intimata rigward ir-rifjut u ċensura da parti tas-soċjetà intimata milli tirrapporta u xxandar filmati ta' xeni li kien hemm fil-Parlament u anke barra l-Parlament nhar it-12 ta' Lulju 2023 b'rabta mal-kommozzjoni li nqalgħet fil-gallerija tal-istranġieri kif ukoll l-avvenimenti li kien hemm barra l-Parlament immedjatament wara minn omm, missier u qraba ta' Jean Paul Sofia, li kienu qed jitolbu għal Inkjesta Pubblika, u dan minkejja li dan kollu ġie rappurtat fuq il-mezzi kollha tax-xandir u* news portals*, stante li din kienet u għadha materija ta' kontroversja politika li tiġbed fuqha attenzjoni ta' interess pubbliku.*

13. *Illi fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Lulju 2023 l-Awtorità tax-Xandir iddeċidiet l-ilment imressaq mill-Partit Nazzjonalista u kkonkludiet dan li ġej:*

> "Wara riflessjoni dwar l-importanza ta' dak li ġara nhar it-12 ta' Lulju 2023, dwar il-valur ta' aħbar li nħoloq kif ukoll dwar ir-raġunijiet li skont PBS wasslu sabiex tiġi eskluża din il-materja mill-għarfien tal-pubbliku, **l-Awtorità ddeċidiet li tilqa' dan l-ilment għall-fatt li avvenimenti relatati mal-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż ma għandhomx ikunu mistura għat-telespettaturi tax-xandir pubbliku li għandhom dritt għal informazzjoni sħiħa. Dak li ġara fil-Parlament u barra mill-Parlament kienu ġrajjiet u avvenimenti ġodda li kienu qed iseħħu u li l-istazzjon pubbliku kien mistenni li jirrapporta mhux biss fir-rappurtaġġ miktuba tiegħu imma anke wkoll il-viżwal."**

14. *Illi minkejja li l-Awtorità tax-Xandir laqgħet l-ilment tal-Partit Nazzjonalista, bid-deċiżjoni tagħha hija saret kompliċi fiċ-ċensura mal-*Public Broadcasting Services Limited*, dan għaliex naqset milli tagħti rimedju effettiv lil Partit Nazzjonalista li ressaq l-ilment.*

15. *Illi l-aġir tal-Awtorità tax-Xandir, u tal-Public Broadcasting Services Limited huwa bi ksur tal-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll bi ksur tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta, li tirregola ix-Xandir f'Malta.*

16. *Illi l-Awtorità tax-Xandir għandha obbligu ferm importanti bħala regolatur tax-xandir, tassigura li x-xandir pubbliku ma jkunx immanipulat mill-Gvern li għandu l-kontroll assolut tal- stazzjon pubbliku u di più meta tissindika operat tal-istess fuq ilment ta' terzi, bħal dak tar-rikorrent Partit Nazzjonalista, ir-rimedju għandu jkun għal min ikun ressaq l-ilment.*

17. *Illi LS 350.14 huwa ċar dwar il-funzjoni tal-Awtorità tax-Xandir:*

*1.1* L-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Att tal-1991 dwar ix-Xandir, kif emendat, illum Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel l-Awtorità tax-Xandir l-għassies legali tal-imparzjalità u r-reqqa fl-aħbarijiet u fi programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

1.2 Ix-xandara tar-radju u tat-televiżjoni jridu jħejju u joħorġu bir-reqqa kollha meħieġa, rapporti ta' aħbarijiet u programmi ta' ġrajjiet kurrenti.

1.3 l-Awtorità trid tara wkoll li x-xandar jibqa' jżomm imparzjalità sħiħa fejn jidħlu ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew tax-xejra pubblika mgħrufa taż-żmien.

***<u>Vjolazzjoni tal-libertà tal-espressjoni u</u>***
***<u>Deċiżjoni bla rimedju mhux effettiv u diskriminatorja</u>.***

18. *Illi mid-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju 2023 kienet ukoll aħbar fiha innifisha, madankollu, il-PBS intimat xorta baqa' ma xandarx dan fil-bullettin. Minkejja li jista' jgħid li ma kienx hekk obbligat mill-Awtorità, xorta kellu, di* sua sponte*, jirrapportaha għaliex kienet aħbar fiha innifisha, u għalhekk, r-rifjut, bla kundizzjoni u bla raġuni suffiċjenti u motivata da parti tas-soċjetà intimata, u n-nuqqas tal-Awtorità milli toffri rimedju effettiv lir-rikorrenti, hija leżjoni tad-dritt ta' libertà tal-espressjoni kif provduti f'Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u f'Artikolu 10 ta' Konvenzjoni Ewropea.*

19. *Illi in-nuqqas ta' rappurtaġġ fattwali, mix-xandar pubbliku f'soċjetà demokratika għandu jkun ħieles minn kull manipulazzjoni voluta fuq materja ta' interess pubbliku u għalhekk, id-dritt ta' informazzjoni jifforma parti sħiħa mid-dritt ta' opinjoni u tal-espressjoni libera kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan huwa l-obbligu tal-intimati flimkien li jeżerċitaw l-funzjonijiet u obbligi tagħhom skont il-Kostituzzjoni u skont il-Liġi.*

20. *Illi fid-dawl ta' dawn in-nuqqasijiet, l-Awtorità tax-Xandir qed tonqos milli tassigura l-imparzjalità u bilanċ fix-xandir mill-istazzjon tal-iStat skont id-dmirijiet tagħha naxxenti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta u dan bi preġudizzju serju għall-Partit rikorrent.*

21. *Illi minkejja li l-Awtorità tax-Xandir għandha fi ħdana struttura li tissorvelja l-stazzjonjiet liċenżjati u dan biex tassigura l-imparzjalità u l-bilanċ, kif ukoll dik il-funzjoni li tassigura li l-aħbrijiet ikunu b'esattezza (inkluż viżwali), l-Awtorità qed tonqos mill-obbligi tagħha biex tassigura dan kollu skont l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li l-Awtorità tax-Xandir addottat il-prassi li*

*taġixxi biss, jew fil-maġġor parti, fuq ilmenti imressqa minn terzi persuni, inkluż il-partit rikorrent.*

***Il-Protest tal-Partit Nazzjonalista***

22. *Illi dan kollu fuq suespost ġie a konjizzjoni formali tal-intimati permezz ta' protest ġudizzjarju fl-1 ta' Awwissu 2023, fejn l-istess ġew iddifidati milli jkomplu jippresistu minn nuqqas tagħhom li joffru rimedju effettiv għall-ilment tar-rikorrent tat-12 ta' Lulju 2023, stante li l-istess imġiba tal-intimati qedha tilludi id-dritt fondamentali tal-rikorrent tal-libertà tal-espressjoni kif protett f'Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u żammet lill-protestati responsabbli għal kwalsiasi azzjoni naxxenti mill-inadempjenza u mir-rifjut tagħhom.*

23. *Illi minkejja il-protest fuq imsemmi, is-soċjetà intimata baqgħet tippersisti u tirrifjuta milli tirrapporta l-aħbar bl-eżattezza skont il-liġi. Oltre dan, bl-aġir tal-istess Awtorità u tal-PBS mhux biss inħoloq* "a chilling effect" *fuq l-aħbar meta qed jirrifjutaw li rappurtataw fil-ħin u fl-interess pubbliku, iżda di più l-istess intimati – l-Awtorità minn naħa waħda, bid-deċiżjoni tagħha li ma toffri ebda rimedju, u l-PBS, minn naħa l-oħra li ma offra ebda rimedju wara d-deċiżjoni – saru kompliċi fiċ-ċensura u ħolqu "*a freezing effect" *fuq l-aħbar.*

***Il-Kontro-Protest tal-Awtorità tax-Xandir***

24. *Illi l-Awtorità tax-Xandir wieġbet permezz ta' kontro-protest datat 18 ta' Awwissu 2023 fejn qalet:*

> "...fil-każ ta' dan l-ilment mertu tal-protest tal-Partit, - Awtorità ħadet decizjoni f'liema ċanfret il-PBS għan-nuqqas ta' rappurtaġġ viżiv.
>
> Illi dan ir-rimedju kien wieħed xieraq u fil-parametri tal-liġi.
>
> Illi l-Awtorità ma ordnatx il-PBS bħala x-xandar pubbliku jxandar filmati ta' terzi ta' dak li seħħ nhar it-12 ta' Lulju billi f'dan L-istadju dawk il-filmati kienu joħolqu iktar konfużjoni fil-pubbliku f'dan l-istadju. (*fn. 6 fis-17 ta' Lulju u fil-ġranet ta' wara seħħew avvenimenti suċċessivi li biddlu l-kuntest kollu tal-każ stante li wara ġimgħat il-Prim Ministru ċeda għall-pressjoni u sejjaħ Inkjesta Pubblika fil-mewt ta' Jean Paul Sofia). L-Awtorità tax-Xandir tħares l-interess pubbliku inkluż li jkollu rappurtaġġ korrett u f'waqtu.*
>
> Inoltre l-Awtorità hija konxja li d-deċiżjonijiet bħala dik mertu ta' dan il-protest, isservi ta' gwida għax-xandar pubbliku kif

> ukoll ta' qafas għal kwalunkwe persuna li tista' tressaq ilmenti oħra dwar l-istess tema u fuq l-istess ċirkustanzi fil-futur.
>
> Għalhekk id-deċiżjoni per se hija rimedju u rimedju xieraq, u li għandu effett li ma jistax jiġi injorat mix-xandar pubbliku."

25. *Illi filwaqt li l-intransiġenza tas-soċjetà intimata hija insult lejn il-Kostituzzjoni ta' Malta, u ma tgħallmet xejn mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Frar, 2023*[1]*, fejn sabet li l-intimati bl-aġir tagħhom kisru id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, il-kontro-protest tal-Awtorità tax-Xandir jikkonferma li l-aġir tagħha kien ferm 'il bogħod minn dak mitlub minnha bil-Kostituzzjoni u l-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta.*

26. *Illi wieħed kien jistenna li wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Frar, 2023*[2]*, l-intimati jitgħallmu xi ħaġa miċ-ċanfira goffa li qalgħu mill-istess Qorti, meta fil-verità, dik l-istess sentenza ġiet injorata fl-operat sussegwenti tal-intimati.*

27. *Illi* dato ma non concesso *(mhux ammess) li, kif qalet l-Awtorità tax-Xandir fil-kontro-protest tagħha li d-deċiżjoni ġiet meta kien hemm avveniment suċċessivi fil-każ ta' Jean Paul Sofia meta il-Prim Ministru kien kostrett iħabbar inkjesta pubblika wara pressjoni mill-familja ta' Jean Paul Sofia (proprju minn dak li seħħ fil-Parlament), mir-rikorrenti (bil-pressjoni permezz ta' mozzjoni fil-Parlament), u mis-soċjetà ċivili u għalhekk, fi kliem l-Awtorità, f'dak* "l-istadju dawk il-filmati kienu joħolqu iktar konfużjoni fil-pubbliku f'dan l-istadju", *l-istess Awtorità kellha, għal ta' lanqas tordna li d-deċiżjoni tagħha tiġi imxandra u moqrija waqt il-bullettin tal-aħbarijiet, jekk mhux ukoll timponi multa fuq il-PBS għall-operat manipulattiv tagħha minkejja is-sentenza tas-27 ta' Frar 2023, fejn f'dik il-kawża rajna ukoll lill-Awtorità intimata taġixxi bl-ingwanti tal-ħarir fil-konfront tas-soċjetà intimata meta ħafritilha multa imposta.*

28. *Illi fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Frar 2023, fil-konfront tal-Awtorità tax-Xandir, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:*

> "Il-Qorti tirrileva li kif diġà ġie kkonsidrat aktar 'il fuq, l-Awtorità tax-Xandir naqset milli twettaq l-obbligu pożittiv tagħha li tissalvagwardja d-dritt għal-libertà tal-espressjoni tal-Partit Nazzjonalista billi naqset milli tissorvelja x-xandir u l-aġir tal-PBS kif meħtieġ minnha bil-liġi stess u billi damet żmien irraġonevoli sabiex tat rimedju għal dak li kienet għamlet il-PBS li kien kontra l-liġi u bi preġudizzju kontra l-Partit Nazzjonalista."

[1] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-25.09.2023.
[2] Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-25.09.2023.

29. *Illi r-rikorrenti huma iktar imħassbin u preokkupati mit-tweġiba fil-kontro-protest għaliex jidher ċar li l-Awtorità, f'dan il-każ għaliex, flok dament biex tagħti rimedju skod is-sentenza fuq imsemmija, id-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Lulju 2023 kienet waħda affrettata, iżda li ma kienet rimedju xejn għar-rikorrenti u għalhekk deliberament qed tonqos milli tenforza id-deċiżjonijiet tagħna b'rimedju effettiv, meta taf li l-aġir tal-intimata PBS qed ikompli jipperpetwa ruħu fiċ-ċensura u manipulazzjoni tal-aħbar fl-interess tal-Gvern u tal-Eżekuttiv wara sentenza iebsa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kontront taż-żewġ intimati sitt xhur ilu. Dan apparti l-fatt li hemm kontradizzjoni bejn dak li qalet l-Awtorità fid-deċiżjoni oriġinali tagħha fejn qalet li l-PBS kellu jagħti rappurtaġġ mhux biss b'mod miktub imma anke b'mod viżwali, u dak li qed tgħid fil-kontro-protest tagħha! B'hekk dak li l-Awtorità spiċċat fil-fatt toffri kien rimedju 'silenzjuż' – la rappurtat b'mod miktub u wisq anqas b'mod viżwali!*

30. *Illi għalhekk u kuntrarju għal dak li qalet l-Awtorità intimata, ir-rimedju mogħti minnha mhux talli ma kienx rimedju effettiv fil-kontront tar-rikorrenti, iża ma kien rimedju xejn, u r-rimedju, b'mod effettiv ingħata lill-intimat PBS. Dan tikkonfermah l-Awtorità intimata stess fil-kontro-protest, u li donnha saret il-portavuċi tal-PBS meta qalet,* "<u>Inoltre l-Awtorità hija konxja li d-deċiżjonijiet bħal dik mertu ta' dan il-protest, isservi ta' gwida għax-xandar pubbliku kif ukoll ta' qafas għal kwalunkwe persuna li tista' tressaq ilmenti oħra dwar l-istess tema u fuq l-istess ċirkustanzi fil-futur</u>."

31. *Illi* dato ma non concesso *(mhux ammess) li tali deċiżjoni hija deċiżjoni fil-parametri tal-liġi, l-Awtorità filwaqt li tat raġun lil Partit Nazzjonalista, ir-rimedju mogħti minnha kien jiffavorixxi lil minn instab li b'għemilu naqas mill-obbligu legali u kostituzzjonali tiegħu. Dan fih innifsu kien diskriminatorju fil-konfront tal-partit rikorrenti, bil-konsegwenza li l-esponent mhux biss ġie ivvjolat id-dritt tiegħu ta' rimedju effettiv skont Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, iżda tali nuqqas wassal biex inħolqot diskriminazzjoni bejn il-partit rikorrent li ressaq l-ilment u l-partit fil-gvern li għandu l-kontroll assolut tax-xandar pubbliku intimat, immexxi minnu, li naqas mill-obbligi tiegħu li jirrapporta b'eżattezza, inkluż b'mod effettiv u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

<u>***Il-Kontro-Protest tal-Public Broadcasting Services***</u>

32. *Illi fit-22 ta' Awwissu 2023 is-soċjetà intimata PBS intavolat kontro-protest li fih tistqarr li "*ir-raġunijiet il-għala il-PBS ma xandritx il-filmati mertu ta' dan il-każ kienu raġunijiet motivati u dettaljati li ġew spjegati fit-tul lil kulħadd waqt is-smigħ li ordnat l-Awtorità tax-Xandir għad-determinazzjoni ta' dan l-ilment", *(fn. 7 paragrafu 3 tal-Kontro protest tal-PBS Limited tat-22 ta' Awwissu 2023) u dan*

*minkejja li tistqarr ukoll li* "madanakollu l-Awtorità tax-Xandir ma qablitx mal-pożizzjoni li ħadet il-PBS u laqgħet l-ilment tal-istess Partit Nazzjonalista;"

33. *Illi f'dan il-kuntest, il-pożizzjoni ta-soċjetà intimata fil-kors tal-proċeduri waqt is-smigħ ftit li xejn għandha rilevanza għaliex l-Awtorità tax-Xandir skartat għal kollox dik il-pożizzjoni u sabet li l-PBS naqset mill-obbligi tagħha u fi kliem l-Awtorità,* **"Dak li ġara fil-Parlament u barra mill-Parlament kienu ġrajjiet u avvenimenti ġodda li kienu qed iseħħu u li l-istazzjon pubbliku kien mistenni li jirrapporta mhux biss fir-rappurtaġġ miktuba tiegħu imma anke wkoll il-viżwal."**

34. *Illi fit-tweġiba għall-protest, is-soċjetà intimata tkompli tgħid (para 14) illi* "l-PBS tiddikjara li hija aċċettat id-deċiżjoni tal-Awtorità u ħadet nota tal-osservazzjonijiet tal-istess Awtorità. Li kieku l-Awtorità dehrilha li għandha tagħti xi ordni ulterjuri, il-PBS kienet ser issegwi din l-ordni;" *Jidher li l-PBS Limited mhux talli ma ħax nota minn dak li qalet l-Awtorità, iżda lanqas ma ħadet nota ta' dak li stqarret il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha ta' 27 ta' Frar 2023, kif ukoll l-*obiter *tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-14 ta' Lulju 2022 meta qalet:*

> "Donnha saret konvenzjoni mhux miktuba li fil-politika Maltija, the winner takes all. Ir-rebbieħ juża' l-power of incumbency sal-limitu tagħha, inkluż il-mezzi tax-xandir."

35. *Illi filwaqt li il-PBS Limted ħass li il-protest imressaq mir-rikorrenti kienet aħbar fiha innifisha u xandarha fil-bulletin tal-1 ta' Awwissu 2023, iċċensura d-deċiżjoni tal-Awtorità tas-26 ta' Lulju 2023 li ukoll kienet aħbar fiha innifisha, u għalhekk ir-rikorrent baqa bla rimedju ġust, ukoll miis-soċjetà intimata.*

36. ***Ili għalhekk, oltre li l-intimati kisru l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, l-istess aġir wassal għall-vjolazzjoni tal-libertà tal-espressjoni tar-rikorrent kif protett taħt l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kif ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.***

***Talbiet***

37. ***Għaldaqstant****, ir-rikorrenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;*

   1. *Tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas tagħha, l-Awtorità tax-Xandir naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont Artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Kap 350 u provvedimenti oħra viġenti, stante li f'dawk is-servizzi ta' xandir televiżiv tal-liċenzjat intimat, li dwarhom saru l-ilmenti mir-rikorrenti, naqset milli tassigura li tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar*

*ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrijali jew li jirriferixxu għal* policy *pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet, l-ħin ta' xandir ikunu imqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti, kif ukoll mili tassigura li l-aħbar li hija ta' interess nazzjonali u ta' kontroversja politika tixxandar b'eżattezza;*

2. *Tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas tiegħu, il-liċenzjat intimat, il-PBS, naqset milli taqdi l-obbligi tagħha skont Artikolu 119 tal-Kostutuzzjoni u l-Artikolu 13 tal-Kap 350 u provvedimenti oħra viġenti, stante li f'dawk is-servizzi ta' xandir televiżiv tiegħu, li dwarhom saru l-ilmenti mir-rikorrent, naqset milli tassigura li tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet, l-ħin ta' xandir ikunu imqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti, kif ukoll milli tassigura li l-aħbar li hija ta' interess nazzjonali u ta' kontroversja politika tixxandar b'eżattezza, sia meta seħħew l-avveniment fit-12 ta' Lulju 2023 dwar ir-reazzjoni tal-familja ta' Jean Paul Sofia fil-Parlament u barra, kif ukoll meta il-liċenzjat naqas milli jxandar bħala aħbar id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju, fuq ilment tar-rikorrent;*

3. *Tiddikjara li bl-agir tal-Awtorità intimta, bil-mod kif trattat u ddeċidiet l-ilment tal-Partit Nazzjonalista tal-15 ta' Lulju 2023, kif ukoll l-aġir tal-liċenzjat intimat meta naqas milli jxandar dak li seħħ fit-12 ta' Lulju 2023 fil-Parlament u barra, mertu tal-ilment tar-rikorrent, kif ukoll l-aġir tal-intimat il-Public Broadcasting Services Limited, bin-nuqqas li jxandar bħala aħbar id-deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir tas-26 ta' Lulju 2023, ġie leż id-dritt fundamentali tal-esponenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

4. *Tiddikjara li bl-aġir tal-Awtorità permezz tad-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Lulju 2023 meta naqset milli tassigura il-libertà tal-espressjoni tar-rikorrent kif protett taħt l-Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta ilment tar-rikorrent u il-messaġġ tiegħu jiġi imwassal b'mod effettiv, il-Partit Nazzjonalista sofra diskriminazzjoni bil-konsegwenza li ġew leżi id-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti skont Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

5. *Tiddikjara li bl-aġir tal-Public Broadcasting Services, permezz ta-deċiżjoni tagħha tat-12 ta' Lulju 2023, li ma xxandarx il-filmati ta' dak li seħħ fil-Parlament u barra, kif ukoll id-deċiżjoni tagħha li ma xxandarx bħala aħbar id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju 2023, u għalhekk naqset milli tassigura l-libertà tal-espressjoni tar-rikorrent kif protett taħt l-*

*Artikolu 10 tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, stante li ilment tar-rikorrent u l-messaġġ tiegħu ma ġiex imwassal b'mod effettiv u dan biex l-istess PBS jiddefendi il-pożizzjoni tal-Gvern fuq is-suġġett mertu tal-istess ilment, il-Partit Nazzjonalista sofra diskriminazzjoni bil-konsegwenzxa li ġew leżi id-drittijiet fondamentali tiegħu kif protetti skont Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

6. *Tiddikjara li bl-istess aġir l-intimati naqsu milli jagħtu rimedju effetti lir-rikorrent bil-konsegwenza li ġie leż id-dritt fondamentali tar-rikorrent kif protett taħt Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea.*
7. *Konsegwentement, tordna lill-intimati jagħtu dak ir-rimedji li jidhrilha li huma xierqa u effettivi, inkluż dak li r-rikorrent iwassal il-messaġġ tiegħu b'mod liberu u mingħajr ebda manipulazzjoni mill-intimati, fil-bullettin tal-aħbarijiet, jew immedjatament qabel fil-mezzi kollha ta' xandir televiżiv tal-intimat Public Broadcasting Services, dwar l-ilment mertu tal-kawża, u dan fid-dawl taċ-*chilling *u* freezing effect *li l-istess aġir tal-intimati ħoloq fuq ir-rikorrenti, u tordna ukoll kull rimedju ieħor skont kull provvediment li din il-Qorti jidhrilha xierqa.*
8. *Tillikwida ammont ta' kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjonijiet hawn imsemmija.*
9. *Tikkundanna lill-intimati jħallsu l-kumpens hekk likwidat*
10. *Tagħti kull ordni u provvediment ieħor li jidhrilha li huwa xieraq sabiex tiżgura d-drittijiet fondamentali tal-esponenti u safejn huwa possibbli, tqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel il-vjolazzjoni.*

*Bl-ispejjez inkluż dawk tal-protest ġudizzjarju 362/2023, tal-1 ta' Awwissu 2023."*

2. Rat ir-Risposta tal-intimata s-soċjetà **Public Broadcasting Services Limited (C 13140)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà PBS'], li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Settembru, 2023, fejn ingħad kif ġej:

1. *Illi* ***preliminarjament****, peress li l-partit rikorrenti qed jittenta jimpunja għemil amministrattiv riferibbli għal deċiżjoni ta' Awtorità pubblika liema għemil skont il-partit rikorrenti allegatement jikser il-Kostituzzjoni, jiġi eċċepit illi l-partit rikorrenti kellu għad-disposizzjoni tiegħu ir-rimedju ordinarju kontemplat fl-artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement il-partit rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji ordinarji disponibbli għalih u għaldaqtant qed*

*jiġi eċċepit li dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tkompli tisma' u tistħarreġ dan l-ilment, skont ma jipprovdi l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u* ***fil-mertu****, il-partit rikorrenti ilmenta dwar ix-xandira mertu ta' dina l-kawża mal-Awtorità tax-Xandir skont l-Artikolu 21A tal-Kap 350 tal-Liġijiet ta' Malta u fil-parametri tal-proċeduri elenkati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.06, ossija il-Kodiċi għall-Investigazzjoni u d-Determinazzjoni tal-Ilmenti. Dan il-kodiċi jiddetermina kif isir l-ilment, it-termini għar-risposta, is-smigħ fil-pubbliku, id-determinazzjoni tal-ilment mill-Awtorità u l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni. Il-partit rikorrenti ressaq ilment dwar ix-xandira mertu ta' dina l-kawża nhar il-15 ta' Lulju, 2023. Is-soċjetà intimata wieġbet għal dan l-ilment u l-partit rikorrenti informa lil Awtorità li ma kienx sodisfatt bit-tweġiba u talab li l-ilment jiġi mistħarreġ mill-Awtorità. L-Awtorità tat smigħ pubbliku fejn il-partit rikorrenti u s-soċjetà intimata għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Fit-tmiem tas-smigħ, il-partijiet intalbu jirtiraw u l-Awtorità wara deliberazzjoni bejn il-membri tagħha tat deċiżjoni li permezz tagħha laqgħet l-Ilment tal-partit rikorrenti. Is-soċjetà intimata aċċettat id-deċiżjoni tal-Awtorità anki jekk mhux neċessarjament taqbel mal-eżitu ta' dina d-deċiżjoni. Is-soċjetà intimata ma ingħatax direttivi ulterjuri mill-Awtorità fid-deċiżjoni tagħha. Dak li qed jilmenta dwaru l-partit rikorrenti f'dina l-kawża mhuwiex dwar id-determinazzjoni tal-ilment tal-15 ta' Lulju, 2023 iżda dwar il-pretensjoni li kellu l-partit rikorrenti li l-Awtorità tagħtih rimedju effettiv. Fid-dawl ta' dawn il-fatti is-soċjetà intimata qegħdha teċċepixxi:*

   a. *Illi* ***fl-ewwel lok*** *ġialadarba d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata hija* prima facie *regolari fil-forma u fil-kontenut tagħha, irrispettivament minn jekk il-partijiet f'dan il-każ jaqblux mal-istess deċiżjoni, dina l-Qorti m'għandiex tissostwixxi id-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Awtorità kemm il-darba ma jirriżultaliex li hemm ebda invalidità f'din id-deċiżjoni skont il-kriterji stabbiliti mil-Liġi.*

   b. *Illi* ***fit-tieni lok****, u riferibbilment għat-****tieni talba attriċi*** *fejn din tirreferi għax-xandira tat-12 ta' Lulju, 2023, jiġi eċċepit li l-partit rikorrenti ressaq dan l-ilment identiku mal-Awtorità intimata, u l-Awtorità intimata iddeterminat dan l-ilment skont is-setgħat mogħtija lilha mill-Kostituzzjoni u mill-Att dwar ix-Xandir. Filwaqt li s-soċjetà intimata tagħmilha ċara li tirrikonoxxi s-setgħat wiegħsa ta' dina l-Qorti li tistħarreġ dan il-każ, dak li qed jittenta jagħmel il-partit rikorrenti huwa li dina l-Qorti tissostitwixxi mhux biss id-diskrezzjoni iżda saħansitra il-funzjonijiet tal-Awtorità tax-Xandir sabiex tiddeċiedi dwar mertu li diġà ġie deċiż. Dan imur kontra id-disposizzjonijiet u l-ispirtu tal-Kostituzzjoni u tal-liġi tagħna li tagħti s-setgħa lill-Awtorità tiddeċiedi dwar kwistjonijiet relatati ma-xandir f'Malta.*

c. *Illi* ***fit-tielet lok****, u riferibbilment ukoll għat-****tieni talba attriċi*** *fejn din tirreferi għal pretensjoni tal-partit rikorrenti li s-soċjetà intimata tirrapporta d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju, 2023, jiġi eċċepit li l-partit rikorrenti ma ilmentax dwar dan mal-Awtorità intimata u għaldaqstant naqas milli jużufruwixxi ruħu mir-rimedju ordinarju mogħti lilu f'każijiet bħal dan.*

d. *Illi* ***fir-raba' lok*** *u riferibbilment ukoll għat-****tieni talba attriċi*** *fejn din tirreferi għal pretensjoni tal-partit rikorrenti li s-soċjetà intimata tirrapporta d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju, 2023, jiġi eċċepit:*

    *(i)* *Illi l-partit rikorrenti ma ilmentax dwar dan mal-Awtorità intimata u għaldaqstant naqas milli jużufruwixxi ruħu mir-rimedju ordinarju mogħti lilu f'każijiet bħal dan.*

    *(ii)* *Illi fi kwalunkwe każ id-deċiżjoni tas-soċjetà intimata kienet waħda regolari u entro t-termini tad-diskrezzjoni editorjali li għandu jkollu kull mezz tax-xandir għad-disposizzjoni tiegħu.*

e. *Illi* ***fil-ħames lok*** *u riferibbilment għat-****tielet talba attriċi*** *m'huwiex minnu li ġie leż id-dritt fundamentali tal-partit rikorrenti kif protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant dina t-talba għandha tiġi miċħuda stante li infondata kemm fil-fatt u anke fid-dritt;*

f. *Illi* ***fis-sitt lok*** *u riferibbilment għal* ***ħames talba attriċi*** *mhuwiex minnu li l-partit rikorrenti sofra xi forma ta' diskriminazzjoni i għaldaqstant mhux minnu li ġie leż id-dritt fundamentali tal-partit rikorrenti kif protett mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u għaldaqstant dina t-talba għandha tiġi miċħuda stante li infondata kemm fil-fatt u anke fid-dritt;*

g. *Illi* ***fis-seba' lok*** *u riferibbilment għas-****sitt talba attriċi*** *m'huwiex minnu li s-soċjetà intimata naqset milli tagħti rimedju effettiv u għaldaqstant mhux minnu li ġie leż id-dritt fundamentali tal-partit rikorrenti kif protett mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u għaldaqstant dina t-talba għandha tiġi miċħuda stante li infondata kemm fil-fatt u anke fid-dritt;*

h. *Illi* ***fit-tmin lok*** *u riferibbilment għas-****seba' talba attriċi*** *stante li t-talbiet l-oħra ma jistħoqqilhomx jiġu akkolti, dina t-talba għandha tiġi miċħuda stante li l-għoti ta' rimedju mhuwiex ġustifikat;*

i. *Illi* ***fid-disa' lok*** *u riferibbilment għat-****tmin, id-disa' u l-għaxar talbiet attriċi*** *stante li t-talbiet l-oħra ma jistħoqqilhomx jiġu akkolti, dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda stante li mhux mistħoqqa.*

*j. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

3. Rat ir-Risposta tal-intimata l-**Awtorità tax-Xandir** [minn issa 'l quddiem 'l-Awtorità intimata'], li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Settembru, 2023, fejn ingħad kif ġej:

*"Tesponi bir-rispett:*

1. *Illi qabel xejn għandu jiġi rilevat li l-esponenti ġiet notifikata bil-kawża biss ilbieraħ 14 ta' Settembru u minkejja li ngħatat tmint ijiem biex twieġeb fl-interess tas-selerita qiegħda tippreżenta r-risposta tagħha għas-seduta tal-15 ta' Settembru 2023. Madankollu qiegħda minn issa tirriżerva li tagħmel sottomissjonijiet u tressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

***Dwar il-fatti***

2. *Jirriżulta li f'seduta tal-Awtorità tax-Xandir li nstema' nhar it-Tnejn 17 ta' Lulju 2023 l-Awtorità semgħet erba' ilmenti mill-Partit Nazzjonalista rikorrenti (minn hawn 'l quddiem **PN**), fosthom tnejn li instemgħu b'mod urġenti u li kienu lmenti li saru fil-15 ta' Lulju 2023. Kopja tal-Aġenda relattiva tas-Smigħ Nru 09/23 u tal-ilment tal-15 ta' Lulju rilevanti huma hawn annessi bħala **Dokumenti A u B**.*
3. *Dawn l-erba' lmenti kollha ġew trattati nhar is-17 ta' Lulju, u fit-26 ta' Lulju iddeċidiet l-erba' li huma b'dan li tnejn miż-żewġ ilmenti tqiesu ġustifikati filwaqt li tnejn oħra ma kienux, kopja tad-Deċiżjoni mertu ta' din il-kawża hija hawn annessa bħala **Dokument Ċ**.*
4. *Minn dawn l-erba' deċiżjonijiet li ngħataw mill-Awtorità l-PN qed jilmenta u ressaq kawża biss fir-rigward ta' deċiżjoni waħda fejn filwaqt li l-PN jaqbel mad-deċiżjoni li ngħata ma jaqbilx mar-rimedju mogħti mill-Awtorità u abbażi ta' din id-deċiżjoni waħdanija melodrammatikament jakkuża lill-Awtorità esponenti li qiegħda timmina d-demokrazija Maltija. Dan huwa skorrett u assolutament infondat.*
5. *L-ilment mertu ta' din il-kawza kienet dwar in-nuqqas ta' rappurtaġġ, viżiv, tar-reazzjoni tal-familjari tal-mibki Jean Paul Sofia ġol-Parlament u barra wara li kien ittieħed il-vot dwar inkjesta pubblika fil-Parlament.*
6. *Fis-sottomissjonijiet quddiem l-Awtorità l-PN kien qed jallega li dan ir-rapport viżiv ma seħħx biex il-PBS* "ma jħammarx wiċċ il-Gvern" *u kien qed jinsisti għalhekk li r-rimedju għandu jkun li dawk il-filmati jixxandru filwaqt li PBS oġġezzjonat għal dan l-ilment.*

7. *L-Awtorità fid-deċiżjoni tagħha qablet mal-PN fis-sens li l-avveniment kellhu valur ġurnalistiku iżda llimitat ruħha sabiex tiddikjara li dak l-aħbar messu ġie rapportat b'mod viżiv mingħajr ma tat ordni li jixxandru l-filmati u dan billi kien għadda ftit aktar minn ġimgħa u bl-iżviluppi li kien hemm dawk il-filmati setgħu fixklu telespettaturi.*

8. *Il-PN, ma qablitx ma din id-deċiżjoni tant li bagħatet* email *tilmenta dakinhar stess u tinsisti li l-filmati kellhom jixxandru liema email ġiet imwieġba mill-Awtorità li l-PN kellha kull dritt li tappella minn kull deċiżjoni fejn ma taqbilx mad-deċiżjoni, u li inoltre ma kienitx qed tqis dak l-*email *bħala lment ġdid (il-korrispondenza hija hawn annessa bħala* ***Dokument D)****.*

9. *Il-PN ipprocediet bi protesta u sussegwentment bil-kawza odjerna.*

***L-eċċezzjonijiet***

10. *Fl-ewwel lok in-nuqqas t'interess ġuridiku tal-Partit Nazzjonalista rikorrenti inkwantu l-filmati ma kienux jikkonċernaw lil PN b'mod dirett iżda lil terzi u l-messaġġ li ried jingħata kien ta' terzi wkoll. Effettivament ma jistax jingħad li l-PN, b'xi mod kienet vittimizzata bin-nuqqas ta' xandir tal-filmati in kwistjoni.*

11. *Fit-tieni lok u mingħajr ebda preġudizzju għall-premess* ***il-PN*** *naqset li teżawrixxi r-rimedji ordinarji li kellha: Il-PN qed tillanja minn deċiżjoni waħda tal-Awtorità. Minn din id-deċiżjoni l-PN kellha dritt li tipproċedi amminstravament għal reviżjoni tad-deċiżjoni. Iktar minn hekk u inoltre ġaladarba l-PN fir-rikors promotur tagħha (para 35) tallega li d-deċiżjoni tal-Awtorità esponenti kienet,* per se*, avveniment partikolari b'valur ġurnalistiku u li għalhekk messu ġie rapportat mill-PBS indipendentement mid-deċiżjoni tal-Awtorità – setgħet dejjem, u anzi kellha, tressaq ilment ieħor dwar in-nuqqas ta' rappurtaġġ sabiex dak l-ilment jiġi deċiż mill-Awtorità, liema ilment seta' jiġi deċiż fi żmien qasir.*

12. *Fit-tielet lok u mingħajr ebda preġudizzju għal premess ir-rimedju li effettivament kienet li ġew stabbiliti formalment linji gwida li PBS (u xandara oħra) kellha ssegwi b'mod effettiv fil-futur kien rimedju xieraq fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dan kif ser jintwera.*

13. *Fir-raba' lok ma huwiex minnu li d-deċiżjoni* per se *jista' jkollhu* chilling effect *anzi d-deċiżjoni għandha jkollha proprju l-effett oppost u ċioe li jwaqqaf lill-xandara milli jiċċensuraw avvenimenti ta' natura ġurnalistika.*

14. *Fil-ħames lok ma jissusisitux r-rekwiżiti sabiex jingħad li ġew leżi xi dritt tal-partit rikorrenti kif protett mill-Kostituzzjoni u/jew il-Konvenzjoni Ewropea, iżda anzi l-Awtorità aġixxiet korrettement u fil-parametri mposta fuqha mil-liġi.*

15. *Fis-sitt lok il-fatt li ngħatat deċiżjoni dwar liema il-partit politiku rikorrenti ma taqbilx ma tfissirx li dik id-deċiżjoni hija affetta b'xi diskriminazzjoni;*

16. *Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*
17. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-liġi"*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2024, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi ppreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

4. Il-Partit rikorrent jispjega li huwa partit politiku regolat skont il-liġijiet ta' Malta, u rrappreżentat fil-Parlament permezz ta' deputati eletti skont il-Kostituzzjoni ta' Malta. Ikompli billi jgħid li l-partiti politiċi għandhom sehem ewlieni f'soċjetà demokratika sabiex flimkien ma' istituzzjonijiet oħra tal-pajjiż, huma jissieltu sabiex jassiguraw il-ġid komuni fi sfond demokratiku fejn il-governanza ġusta għandha bħala l-iskop tagħha s-saltna tad-dritt. Isostni li filwaqt li l-partit fil-Gvern permezz tal-Eżekuttiv, għandu jassigura li titwassal informazzjoni ġusta u bilanċjata dwar it-tmexxija tal-pajjiż u tal-iżvilupp soċjo-ekonomiku u kulturali tiegħu, il-partit fl-Oppożizzjoni huwa responsabbli sabiex bl-istess mod u kejl iwassal il-ħarsien u l-ġudizzju tiegħu dwar it-tmexxija tal-Gvern u tal-aġenziji u kumpanniji mmexxija minnu, u jistabbilixxi politika alternattiva għal dik li tkun fuq l-aġenda tal-Gvern. Il-Partit rikorrent jinsisti li d-dritt taċ-ċittadin li jingħata informazzjoni imparzjali u bilanċjata fuq il-mezzi tax-xandir huwa protett permezz tal-Kostituzzjoni ta' Malta [minn issa 'l quddiem

‘il-Kostituzzjoni’] billi din twaqqaf Awtorità tax-Xandir u anki il-liġi tax-xandir, iżda wkoll permezz ta’ konvenzjonijiet u trattati internazzjonali, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali [minn issa ’l quddiem ‘il-Konvenzjoni’]. Jirrileva li l-imsemmija Kostituzzjoni tagħti r-responsabbilità lill-Awtorità intimata ta’ għassies legali tal-imparzjalità u l-oġġettività fost affarijiet oħra fl-aħbarijiet u f’programmi ta’ ġrajjiet kurrenti. Huwa jiċċita d-disposizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, li jgħid li jipprovdu għall-funzjonijiet tal-imsemmija Awtorità intimata, u jkompli jgħid li l-artikolu 10 tal-Att dwar ix-Xandir [Il-Kap. 350 tal-Liġijiet ta’ Malta] jipprovdi li hija għandha wkoll is-setgħa li toħroġ liċenzji ta’ xandir televiżiv u radjufoniku, iżda mhux fejn l-istazzjon ikun proprjetà jew ikun ikkontrollat minn kumpannija tal-Gvern, fejn imbagħad il-liċenzja relattiva tinħareġ mill-Ministru responsabbli għax-Xandir. Jikkontendi li madankollu d-disposizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni, tal-Kap. 350, u ta’ kull liġi sussidjarja magħmula taħtu, dejjem huma applikabbli għal min ikollu liċenzja maħruġa mill-Ministru responsabbli, u għalhekk l-Awtorità intimata għandha tapplika l-istess fil-konfront ta’ detentur ta’ liċenzja maħruġa mill-Ministru responsabbli għax-Xandir. Il-Partit rikorrent jissottometti li skont l-artikolu 13 tal-Kap. 350, l-Awtorità intimata għandha taċċerta li l-aħbarijiet kif murija waqt kull programm, għandhom jitwasslu b’mod eżatt u b’imparzjalità kif dovut mix-xandir pubbliku. Jgħid li s-soċjetà PBS bħala kumpannija tal-Gvern, għandha liċenzja tax-xandir televiżiv u radjufoniku maħruġa mill-Ministru responsabbli għax-Xandir *ai termini* tal-artikolu 10 (4D) tal-Kap. 350, iżda din kienet qiegħda tikser b’mod assolut l-obbligi tagħha skont l-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-Kap. 350. Isostni li s-soċjetà PBS mhijiex qiegħda tassigura li l-aħbarijiet, partikolarment dawk imxandra fil-bullettin tal-aħbarijiet, qegħdin jiġu ppreżentati b’mod preċiż u mparzjali, u qiegħda xjentement toħloq żbilanċ

eċċessiv kontrih permezz ta' dak li jsejjaħ *"manipulazzjoni partiġġjana",* hija u twassal l-informazzjoni mingħand il-Gvern, minkejja li fis-27 ta' Frar, 2023, il-Qorti Kostituzzjonali sabet lill-intimati flimkien responsabbli ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Dwar dan il-każ partikolari, jispjega li fil-15 ta' Lulju, 2023, huwa kien ippreżenta lment quddiem l-Awtorità intimata dwar ir-rifjut u ċ-ċensura min-naħa tal-kumpannija PBS li xxandar filmati ta' xeni li seħħew fil-Parlament fejn kienet qamet kommozzjoni fl-i*Strangers Gallery*, u anki barra l-istess Parlament fit-12 ta' Lulju, 2023, fejn kienu nvoluti omm, missier u qraba ta' Jean Paul Sofia, li kienu qegħdin jitolbu għal inkjesta pubblika dwar il-mewt ta' Jean Paul Sofia. Jispjega li dan kollu kien filfatt irrappurtat fuq il-mezzi kollha tax-xandir u *news portals,* għaliex din kienet u għadha kwistjoni kontroversjali politika li tiġbed fuqha attenzjoni ta' interess pubbliku. Huwa jgħaddi sabiex jiċċita dak li qalet l-Awtorità intimata fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Lulju, 2023, fejn laqgħet l-ilment tiegħu, iżda jinsisti li b'din id-deċiżjoni l-Awtorità intimata saret kompliċi mas-soċjetà PBS fiċ-ċensura hekk kif naqset milli tagħti rimedju effettiv. Jgħid li dan wassal għal ksur tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u anki tal-Kap. 350, u dan fejn l-Awtorità intimata għandha l-obbligu tassew importanti bħala regolatriċi li taċċerta li x-xandir pubbliku ma jkunx immanipulat mill-Gvern, li għandu l-kontroll kollu fuq l-istazzjon pubbliku, u meta tissindika l-operat tiegħu wara lment li jkun għamel terz bħalu, ir-rimedju għandu jingħata. Il-Partit rikorrent jiċċita il-L.S. 350.14, u jinsisti li d-disposizzjonijiet tiegħu huma ċari. Jirrileva li minkejja d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju, 2023, is-soċjetà PBS baqgħet ma xandritx l-aħbar, u għalkemm ma kienitx obbligata li tagħmel dan skont l-imsemmija deċiżjoni, dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt tal-libertà tal-espressjoni *ai termini* tal-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Jikkontendi li hawnhekk il-Awtorità wkoll qiegħda tonqos mid-dmirijiet tagħha li tiggarantixxi imparzjalità

u bilanċ fix-xandir mill-istazzjon tal-iStat, skont l-obbligi tagħha a tenur tal-Kostituzzjoni u tal-Kap. 350, u b'hekk qiegħed jinħoloq preġudizzju serju lejh. Iżid jgħid li l-Awtorità intimata qiegħda wkoll taġixxi bosta drabi biss fejn jitressaq ilment quddiemha. Jirrileva li dan kollu huwa kien ressqu quddiem l-Awtorità intimata permezz ta' protest ġudizzjarju tal-1 ta' Awwissu, 2023, iżda s-soċjetà PBS baqgħet ma xandritx l-aħbar b'fedeltà kif titlob il-liġi. Dan kollu wassal sabiex jgħid inħoloq *'chilling effect',* u b'kompliċità bejniethom l-intimati saħansitra ħolqu *'a freezing effect'.* Huwa ċċita dak li qalet l-Awtorità intimata fil-kontro-protest tagħha tat-18 ta' Awwissu, 2023, fejn spjegat ir-raġuni tagħha għaliex ma kienitx ordnat li jixxandru l-filmati in kwistjoni. Il-Partit ntimat jikkontendi li l-intransiġenza tas-soċjetà intimata tikkostitwixxi nsult lejn il-Kostituzzjoni, fejn saħansitra naqset milli tħares dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Frar, 2023. Jgħid li *dato ma non concesso* li tassew kif qalet l-Awtorità intimata li f'dak *"l-istadju dawk il-filmati kienu joħolqu iktar konfużjoni fil-pubbliku",* l-Awtorità intimata kellha almenu tordna li d-deċiżjoni tagħha tiġi mxandra u moqrija waqt il-bullettin tal-aħbarijiet tal-PBS, u possibbilment timponi multa fuq is-soċjetà intimata. Huwa jiċċita dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Frar, 2023, dwar il-ksur tal-obbligu tas-salvagwardjar tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni tal-Partit rikorrent min-naħa tal-Awtorità intimata, li skont hu ma offriet l-ebda rimedju permezz tad-deċiżjoni tagħha. Il-Partit rikorrent isostni li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tonqos li tagħti rimedju, u kienet saħansitra tikkostitwixxi diskriminazzjoni bejnu u l-partit fil-Gvern bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Dwar il-kontro-protest tas-soċjetà intimata, il-Partit rikorrent jirrileva li l-pożizzjoni li din ħadet quddiem l-Awtorità intimata, kienet ġiet imwarrba u din tal-aħħar kienet sabet li s-soċjetà intimata kienet naqset mill-obbligi tagħha. Jgħid li madankollu s-soċjetà intimata ma tatx każ

dak li kienet qalet l-Awtorità intimata, u saħansitra wkoll il-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 2022. B'hekk hija kienet iċċensurat id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju, 2023, li kienet ukoll tikkostitwixxi aħbar fiha nnifisha, u huwa baqa' mingħajr rimedju ġust. Għalhekk il-Partit rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li bl-aġir jew bin-nuqqas tagħha, l-Awtorità intimata naqset mill-obbligi tagħha kif imfissra fl-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 13 tal-Kap. 350 u f'provvedimenti oħra viġenti, meta naqset milli tiggarantixxi l-imparzjalità dovuta fir-rigward ta' affarijiet politikament jew industrijalment kontroversjali jew li jolqtu *policy* pubblika tal-mument, iżda wkoll li taċċerta li l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir jitqassmu b'mod xieraq bejn persuni ta' partiti politiċi differenti, u li aħbar ta' nteress nazzjonali u ta' kontroversja politika tixxandar b'eżattezza. Jitlob sabiex din il-Qorti tiddikjara wkoll li bl-aġir jew bin-nuqqas tagħha, is-soċjetà intimata naqset mill-obbligi tagħha a tenur tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 13 tal-Kap. 350 u tal-provvedimenti l-oħra viġenti, meta naqset milli tiggarantixxi l-imparzjalità dovuta fir-rigward ta' affarijiet politikament jew industrijalment kontroversjali jew li jolqtu *policy* pubblika tal-mument, iżda wkoll li taċċerta li l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir jitqassmu b'mod xieraq bejn persuni ta' partiti politiċi differenti u li aħbar ta' interess nazzjonali u ta' kontroversja politika tixxandar b'eżattezza sia dak li ġara fit-12 ta' Lulju, 2023, fir-rigward tar-reazzjoni tal-familja ta' Jean Paul Sofia ġewwa l-Parlament u anki barra, u anki meta naqset milli xxandar bħala aħbar id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju, 2023. Jitlob ukoll sabiex il-Qorti tiddikjara li bil-mod kif trattat u ddeċidiet l-ilment tiegħu l-Awtorità intimata, u anki hekk kif is-soċjetà intimata naqset milli xxandar dak li seħħ fit-12 ta' Lulju, 2023, fil-Parlament u barra l-istess Parlament, u sussegwentement id-deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir, ġew leżi d-dritt fundamentali tiegħu ta' libertà ta'

espressjoni kif sanċit mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u mill-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, u anki sofra diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Jgħid ukoll li l-Qorti għandha tiddikjara li huwa ma ngħatax rimedju effettiv bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u li għandha tordna dawk ir-rimedji li hija jidhrilha li huma xierqa u effettivi, inkluż li huwa għandu jwassal il-messaġġ tiegħu b'mod liberu u mingħajr l-ebda manipulazzjoni mill-intimati permezz tal-bullettin tal-aħbarijiet, jew proprju qabel fuq il-mezzi kollha ta' xandir televiż tas-soċjetà intimata. Jitlob sabiex il-Qorti tillikwida ammont ta' kumpens għad-danni pekunjarji u non-pekunjarji għall-vjolazzjonijiet imsemmija, u tikkundanna lill-intimati jħallsu dak il-kumpens hekk likwidat, filwaqt li tagħti kull ordni u provvediment li jidhrilha li huwa xieraq sabiex taċċerta d-drittijiet fundamentali tal-esponenti billi wkoll safejn possibbli tqegħdu fl-istat li kien fih qabel ma seħħet il-vjolazzjoni. Dan kollu jgħid li għandu jingħata bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-protest ġudizzjarju 362/2023 tal-1 ta' Awwissu, 2023.

5. Is-soċjetà intimata wieġbet fil-15 ta' Settembru, 2023, fejn eċċepiet is-segwenti: (a) preliminarjament il-Partit rikorrent kellu rimedju ordinarju a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12; (b) fil-mertu (i) il-Qorti m'għandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha jekk jirriżulta li m'hemmx kwistjoni ta' invalidità tad-deċiżjoni; (ii) għal dak li jirrigwarda t-tieni talba, il-Partit rikorrent qed jippretendi li l-Qorti saħansitra teżerċita l-funzjonijiet tal-Awtorità intimata billi tiddeċiedi l-mertu; (iii) għal dak li jirrigwarda t-tieni talba tal-Partit rikorrent u l-pretensjoni tiegħu li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata kellha tixxandar, hawn ukoll naqas milli jużufruwixxi ruħu mir-rimedju ordinarju meta ma ressaqx l-ilment tiegħu quddiem l-Awtorità intimata, u fi kwalunkwe każ d-deċiżjoni tas-soċjetà intimata kienet skont id-diskrezzjoni editorjali li għandu jkollu kull mezz

tax-xandir; (iv) għal dak li jirrigwarda t-tieni talba u l-pretensjoni tal-Partit rikorrent li ġie leż id-dritt fundamentali tiegħu kif protett mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni, din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt; (v) għal dak li jirrigwarda t-tielet talba, mhuwiex minnu li l-Partit rikorrent sofra diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk it-talba tiegħu għandha tiġi miċħuda; (vi) għal dak li jirrigwarda l-ħames talba, mhux minnu wkoll li hija naqset milli toffri rimedju effettiv, u għalhekk ma kienx ġie leż id-dritt fundamentali tal-Partit rikorrent kif sanċit mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni; (vii) għal dak li jirrigwarda s-sitt talba tal-Partit rikorrent, mhux minnu li hija ma kienitx tat rimedju effettiv, u għalhekk ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni; (viii) għal dak li jirrigwarda s-seba' talba, l-għoti tar-rimedju mhuwiex ġustifikat; (ix) għal dak li jirrigwarda t-tmien, d-disa' u l-għaxar talbiet tal-Partit rikorrent, dawn ma kienx jistħoqqilhom li jiġu milqugħa; (x) salv eċċezzjonijiet oħra.

6. L-Awtorità intimata wieġbet fil-15 ta' Settembru, 2023, fejn filwaqt li rrilevat li hija kienet ġiet notifikata bil-proċeduri odjerni biss il-ġurnata ta' qabel, eċċepiet is-segwenti: (a) il-Partit rikorrent ma kellu l-ebda nteress ġuridiku stante li l-filmati ma kienux jikkonċernawh b'mod dirett; (b) il-Partit rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji tiegħu billi jipproċedi amministrattivament għal reviżjoni ta' dik id-deċiżjoni, u dan seta' saħansitra wkoll ressaq ilment ieħor dwar nuqqas ta' rappurtaġġ tad-deċiżjoni tagħha; (ċ) ir-rimedju li ngħata kien billi ġew stabbiliti formalment linji gwida li s-soċjetà intimata u xandara oħra għandhom isegwi b'mod effettiv fil-futur, u dan kien rimedju xieraq fiċ-ċirkostanzi tal-każ; (d) mhux minnu li d-deċiżjoni jista' jkollha *chilling effect;* (e) ma jeżistux l-elementi sabiex jirriżulta li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-Partit rikorrent kif protetti mill-Kostituzzjoni u/jew mill-

Konvenzjoni; (f) il-fatt li ngħatat deċiżjoni li ma jaqbilx magħha l-Partit rikorrent, ma jfissirx li din hija waħda diskriminatorja; (ġ) it-talbiet tal-Partit rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt; (h) salv eċċezzjonijiet oħra.

**Provi u riżultanzi**

7. Flimkien mar-rikors tiegħu, il-Partit rikorrent esebixxa kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju, 2023, immarkata 'Dok. PN01'.[3]

8. Permezz ta' nota ppreżentata fit-12 ta' Settembru, 2023, il-Partit rikorrent esebixxa wkoll *affidavit* tas-Segretarju Ġenerali tiegħu, **l-Avukat Michael Piccinino**.[4] Fl-imsemmi *affidavit* ix-xhud spjega li huwa kien ilu jokkupa din il-kariga minn Lulju, 2021. Qal li fil-15 ta' Lulju, 2023, huwa kien ressaq ilment quddiem l-Awtorità intimata dwar ir-rifjut u ċ-ċensura min-naħa tas-soċjetà intimata li tirrapporta u xxandar filmati ta' xeni li seħħew fil-Parlament u anki barra l-istess Parlament fit-12 ta' Lulju, 2023, u dan fejn l-istess xeni kienu ġew irrappurtati fuq il-mezzi tax-xandir u *news portals* kollha. Ix-xhud spjega li għalkemm l-ilment tal-Partit rikorrent kien ġie milqugħ, l-Awtorità intimata ma tatu l-ebda rimedju effettiv, anki billi tiġi mxandra d-deċiżjoni tagħha. Huwa sostna li dan l-aġir tal-intimati seħħ bi ksur tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 350, filwaqt li lleda d-drittijiet fundamentali tal-Partit rikorrent. Ix-xhud qal li l-PBS qatt ma xandru fl-aħbarijiet l-avvenimenti li seħħew fil-Parlament fit-12 ta' Lulju, 2023, u dan minkejja li l-aħbar dwar l-inkjesta ta' Jean Paul Sofia kienet, sal-mument tal-ftuħ tal-kawża, kif ukoll illum, hija materja ta' aħbar ewlenija, ta' kontroversja politika, partikolarment ukoll bl-andament tal-Inkjesta Pubblika. Spjega kif qabel ma ġew ippreżentati l-

[3] *A fol.* 14 tal-proċess.
[4] *A fol.* 20 *et seq.* tal-proċess.

proċeduri odjerni, kien sar protest ġudizzjarju kontra l-intimati, fejn dawn ġew interpellati sabiex ma jkomplux jonqsu milli jagħtu rimedju effettiv għall-ilment imsemmi. Iżda xorta waħda huma baqgħu inadempjenti, anki jekk is-soċjetà intimata xandret li huwa kien ippreżenta protest ġudizzjarju fil-konfront tagħha. Filwaqt li jagħmel riferiment għall-kontro-protest ippreżentat mill-Awtorità intimata, ix-xhud insista li dak li ġara fil-Parlament ma kienx xi ħaġa ta' kuljum, u għalhekk in-*news worthiness* tiegħu, u r-repetizzjoni tal-filmati, kien żgur ikun identifikat ma' dak l-inċident li seħħ fit-12 ta' Lulju, 2023. Irrileva li din ma kienitx l-ewwel darba li l-Partit rikorrent kellu jirrikorri għall-Qrati għal rimedju, u jagħmel riferiment hawnhekk għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Frar, 2023.

9. Flimkien mat-tweġiba tagħha, l-Awtorità intimata ppreżentat dawn id-dokumenti: (a) kopja tal-aġenda relattiva tas-smigħ nru. 09/23, immarkata 'Dokument "A"'[5]; (b) kopja tal-ilment tal-Partit rikorrent tal-15 ta' Lulju, 2023, lis-soċjetà intimata, immarkata 'Dokument "B"'[6]; (ċ) kopja tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-26 ta' Lulju, 2023, immarkata 'Dokument "C"'[7]; u (d) kopja tal-korrispondenza permezz ta' *email,* immarkata 'Dokument "D"'.[8]

10. Waqt l-udjenza tal-25 ta' Settembru, 2023, xehed **l-Avukat Peter Fenech**, prodott mill-Partit rikorrent.[9] Spjega li huwa membru tal-bord tal-Awtorità intimata, li kien ġie nnominat mill-Prim Ministru għall-istess kariga. Ikkonferma li fid-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Lulju, 2023, l-Awtorità intimata ma tat l-ebda rimedju. Filwaqt li rrileva li ma kienx ċert jekk hux il-persuna idonea sabiex iwieġeb għall-mistoqsija dwar il-proċedura hekk kif l-Awtorità intimata tirċievi

[5] *A fol.* 32.
[6] *A fol.* 33.
[7] *A fol.* 35.
[8] *A fol.* 37.
[9] *A fol.* 48 *et seq.*

ilment, spjega li f'dak l-istadju l-Awtorità intimata tikkomunika max-xandar u tinfurmah bl-ilment. Ix-xandar jista' jilqa' l-ilment jew iżomm ferm il-pożizzjoni tiegħu, u l-ilmentatur għandu d-dritt f'terminu stabbilit fil-liġi li jikteb lill-Awtorità intimata u jsostni l-ilment tiegħu, u jitlobha sabiex tinvestiga. Ix-xhud spjega minn hemm 'il quddiem kif jiġi nvestigat u jittieħed il-vot fuq l-ilment. Irrileva li l-proċedura hija waħda miftuħa għall-pubbliku. Qali li huwa obbligu tal-Awtorità intimata li d-deċiżjoni tagħha tagħmilha aċċessibbli għall-pubbliku, iżda ma kinitx marbuta li tassigura li din tiġi moqrija fuq il-mezz partikolari tax-xandar. Ikkonferma li safejn kien jaf hu, ma kienx tassattiv li jingħata rimedju.

11. Waqt l-istess udjenza, xehed **Frank Farrugia**, Chairperson tal-Awtorità intimata, prodott mill-Partit rikorrent.[10] Beda billi kkonferma x-xhieda li kien ta l-Avukat Peter Fenech. Irrileva li fil-każ in kwistjoni kien filfatt ingħata rimedju għaliex is-soċjetà intimata ġiet ordnata li fil-futur hija kienet marbuta li tirrapporta l-attivitajiet anki fejn dawn ikunu jikkonċernaw lil terzi, iżda ma ntqal xejn dwar il-każ partikolari, u għadda sabiex spjega għaliex. Irrileva li fil-każ odjern il-Partit rikorrent kien għamel l-ilment tiegħu mas-soċjetà intimata tliet ijiem wara, fil-15 ta' Lulju, 2023, u l-Awtorità intimata tkun irċeviet kopja. Qal li dakinhar kien is-Sibt, u għalhekk it-Tnejn filgħodu stieden lill-partijiet sabiex jattendu quddiem il-Bord. Spjega li dakinhar hekk kif kienet qiegħda ssir il-laqgħa, il-Prim Ministru għamel konferenza stampa fejn biddel id-deċiżjoni u ordna li ssir inkjesta pubblika. Sadanittant il-Partit rikorrent ppreżenta lment ieħor u huwa kien ittenta jlaqqa' l-Bord, u spjega li tnejn mill-membri ma kienux jinsabu hawn Malta, u għalhekk dan sar b'mod virtwali, u ntlaqa' l-ilment sabiex l-Avukat Bernard Grech jidher fuq it-televizjoni. Qal li sadanittant inqalgħu ħafna problemi fil-pajjiż, u fl-aħħar huma ħarġu d-deċiżjoni tagħhom. Ix-xhud

[10] *A fol.* 70 *et seq.*

spjega li ma setax jiġi ordnat li jidher il-filmat, għaliex l-i*Speaker* kien waqqaf it-trasmissjoni fuq l-istazzjon tal-Parlament hekk kif inqala' l-inkwiet fil-Kamra. Dwar dak li kien ġara barra l-Parlament, qal li s-soċjetà intimata kienet irrappurtatu mingħajr filmat. Min-naħa tagħha, l-Awtorità intimata dehrilha li ma kellhiex tordna filmat ta' għaxart ijiem qabel fejn is-sitwazzjoni politika tkun inbidlet, u meħud in konsiderazzjoni ukoll diversi fatturi oħra. Hawnhekk meta ġie mistoqsi mill-Qorti jekk il-kliem *'futur'* u *'affarijiet'* jidhrux fid-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, ix-xhud qal li filfatt dawn ma kienux jirriżultaw hemmhekk. Dwar il-kwistjoni jekk tiġix mxandra d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata, ix-xhud qal li d-deċiżjoni fuq każijiet oħra mportanti maqtugħa kontestwalment, ma kienitx ġiet irrappurtata fuq l-ebda *media.* Irrileva li f'bosta każijiet din ma tiġix ippubblikata, u fil-każ odjern ma ġietx imxandra. In kontro-eżami qal li ma saret l-ebda talba waqt is-smigħ sabiex id-deċiżjoni tal-Awtorità tiġi rappurtata. Spjega wkoll li qabel ma toħroġ id-deċiżjoni, ħafna drabi jkun hemm bżonn iż-żmien sabiex issir riċerka dwar dak li jkun ġara fil-passat, u dan speċjalment meta huwa jkun tenut jagħti l-*casting vote.*

12. Waqt l-istess udjenza, xehdet ukoll **Dr Joanne Spiteri**, Kap Eżekuttiv tal-Awtorità intimata, prodotta mill-Partit rikorrent.[11] Spjegat li hija ma tipparteċpax fid-deċiżjoni dwar l-ilmenti li tirċievi l-imsemmija Awtorità intimata, u lanqas dwar ir-rimedju li jingħata.

13. Waqt l-istess udjenza, xehdet **Norma Saliba**, prodotta mill-Partit rikorrent.[12] Ikkonfermat li fit-26 ta' Lulju, 2023, hija kienet għadha taħdem mas-soċjetà intimata bħala Kap tal-Aħbarijiet, iżda f'dawk il-jiem hija kienet bil-*leave,* u għalhekk ma kellha l-ebda involviment.

[11] *A fol.* 92 *et seq.*
[12] *A fol.* 98 *et seq.*

14. Waqt l-istess udjenza, xehed **Joe Sammut**, prodott mill-Partit rikorrent.[13] Qal li huwa kien *Chairman* tal-Bord Editorjali tas-soċjetà intimata, u spjega li x-xogħol ta' dan il-bord kien li jiġbed l-attenzjoni meta jkun hemm xi ħaġa li mhijiex sewwa skont il-proċeduri tal-aħbarijiet jew skont l-imparzjalità. Fil-każ odjern, qal li l-Bord kien appoġġja d-deċiżjoni tal-Editur dwar il-filmati fiċ-ċirkostanzi partikolari, fejn spjega dak li kien ġara dakinhar fil-Parlament u barra l-istess Parlament. Irrileva li huma kienu qablu mad-deċiżjoni tal-Editur Charles Dalli, u spjega li minħabba li kien hemm regolamenti parlamentari li jeskludu li jittieħdu filmati fil-Parlament mhux approvati, huma ma riedux li jkunu parti mill-ksur tar-regolamenti tal-Parlament. Għal dak li seħħ barra l-Parlament, ix-xhud qal li kien sar rappurtaġġ ta' dak li qal il-Kap tal-Oppożizzjoni, iżda filmati ma kienx hemm, għalkemm in-*News Room* kien f'pożizzjoni aħjar li jwieġbu dwar dan. Irrileva li ma kien sar xejn min-naħa tal-Kamra tal-Aħbarijiet u anki min-naħa tal-Bord Editorjali.

15. Waqt l-udjenza tad-9 ta' Ottubru, 2023, il-Partit rikorrent esebixxa nota flimkien ma' dawn id-dokumenti: (i) elenku ta' deċiżjonijiet bejn Jannar 2021 u Lulju 2023, fejn l-Awtorità intimata laqgħet l-ilmenti tiegħu u ngħata rimedju, li ġie mmarkat 'Dok. MPC01'[14]; (ii) kopja ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Frar, 2023, fl-ismijiet **Partit Nazzjonalista *vs.* Awtorità tax-Xandir et**, immarkata 'Dok. MPC 02'[15]; (iii) kopja ta' protest ġudizzjarju tiegħu stess nru. 362/2023 tal-1 ta' Awwissu, 2023, immarkat 'Dok. MPC03'[16]; (iv) kopja ta' kontro-protest ippreżentat mill-Awtorità intimata nru. 376/2023 tat-18 ta' Awwissu, 2023, immarkat 'Dok. MPC04'.[17] Kopja tal-kontro-protest tas-soċjetà

[13] *A fol.* 103 *et seq.*
[14] *A fol.* 121.
[15] *A fol.* 125.
[16] *A fol.* 172.
[17] *A fol.* 175.

intimata nru. 382/2023, tat-22 ta' Awwissu, 2023, għalkemm elenkata bħala esebit, ma ġietx ippreżentata.

16. Waqt l-istess udjenza, xehed **l-Inġinier Charles Dalli**, prodott mill-Partit rikorrent.[18] Ikkonferma li l-kariga tiegħu fiż-żmien ta' Lulju, 2023 sa dakinhar, kienet ta' *Chief Operations Officer* u *Editor-in-Chief* tas-soċjetà intimata. Spjega li deċiżjoni tal-Awtorità intimata kienet għalih tikkostitwixxi preċedent, sabiex b'hekk huwa jkun jaf kif ser jimxi. Ix-xhud irrileva li huwa kien jirrappreżenta lis-soċjetà intimata quddiem il-Bord tal-Awtorità intimata. Huwa spjega għaliex kien ixxandar il-protest ġudizzjarju li kien għamel il-Partit rikorrent, u dan proprju għaliex huma kienu ħassew li l-kwistjoni kienet eskalat, u l-imsemmi Partit rikorrent kien ħadha fuq livell politiku. Ikkonferma li kien hu li ddeċieda li l-imsemmi protest ġudizzjarju kellu jiġi mxandar, u kien hu li ddeċieda finalment li d-deċiżjoni tal-Awtorità intimata ma tiġix mxandra. Qal ukoll li fejn ma jkunx ġie ordnat li d-deċiżjoni tiġi mxandra, kien hemm istanzi fejn xorta waħda din ixxandret. Ix-xhud esebixxa diversi deċiżjonijiet li ngħataw fis-16 ta' Mejju, 2023, li ġew immarkati bħala 'Dok. CD1', u oħrajn li ngħataw fil-25 ta' Mejju, 2023, li ġew immarkati bħala 'Dok. CD2'. Spjega li dawk tal-ewwel kienu ġew imxandra, u l-oħrajn le, u spjega wkoll fejn ma kienitx ingħatat ordni sabiex jiġu mxandra.

17. Waqt l-udjenza tal-20 ta' Ottubru, 2023, xehed l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati **Ray Scicluna**, prodott mis-soċjetà intimata.[19] Ikkonferma li ma kien intalab l-ebda permess sabiex waqt is-seduta tat-12 ta' Lulju, 2023, jinġibdu filmati, u dan kien jirriżulta mill-minuti tal-Kamra li huwa esebixxa bħala 'Dok. RS1'.[20] Spjega li l-uniku regolament permanenti li hemm dwar iffilmjar ġewwa

[18] *A fol.* 180 *et seq.*
[19] *A fol.* 222 *et seq.*
[20] *A fol.* 231.

l-Kamra, kien l-173A, li jitlob li s-seduti għandhom jiġu mxandra fl-intier tagħhom mis-soċjetà intimata b'kull mezz bħal ma huwa fil-fatt il-*website* tal-Parlament. Meta jkun hemm talba sabiex isir iffilmjar ġewwa l-Kamra, qal li jiġu kkonsultati l-partiti u l-i*Speaker* jitlob li l-ftehim jiġi verbalizzat. Għal dak li jirrigwarda l-komozzjoni li nqalgħet fit-12 ta' Lulju, 2023, fl-*Istrangers' Gallery,* qal li dak il-ħin l-i*Speaker* issospenda s-seduta, u qara silta mill-minuti tas-seduta ta' dakinhar. Ix-xhud irrileva li ma kien hemm l-ebda regola dwar l-użu ta' *mobile phones* mid-Deputati Parlamentari waqt is-seduta. Ix-xhud esebixxa wkoll filmat tas-seduta tat-12 ta' Lulju, 2023, fuq *pen drive,* li ġie mmarkat bħala 'Dok. RS4'.[21] Ikkonferma li skont il-linji gwida tal-Kamra, il-filmat kien wieħed miġbud fuq l-i*Speaker.*

18. Waqt l-istess udjenza, xehed **l-Inġinier Charles Dalli**, minn jeddu.[22] Huwa esebixxa żewġ *screenshots* li ġew immarkati 'Dok. CD3'[23] u 'Dok. CD2'[24], meħudin minn filmat li kien qiegħed jiċċirkola fuq il-mezzi soċjali, u li kien ittella' mid-Deputat Eve Borg Bonello. Spjega li s-soċjetà intimata tiffilmja ġewwa l-Kamra meta dan ikun intalab mill-Iskrivan tal-Kamra jew l-i*Speaker,* u s-soltu dan ikun waqt xi seduta tal-*budget* jew xi seduta speċjali fejn ikun hemm qbil taż-żewġ naħat tal-Kamra. Fil-każ in kwistjoni s-soċjetà intimata ma kellha l-ebda *cameras* fil-bini tal-Parlament. Ix-xhud esebixxa d-deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata li huma fuq il-*website* tagħha, u dawn ġew immarkati 'Dok. CD5'.[25] Esebixxa wkoll rappurtaġġi ta' deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata, li ġew immarkat 'Dok. CD6'.[26] Qal li mill-2008 l-edituri reġistrati tal-PBS kienu Natalino Fenech, Reno Bugeja, Norma Saliba u huwa stess. Esebixxa f'forma diġitali

[21] *A fol.* 249.
[22] *A fol.* 250 *et seq.*
[23] *A fol.* 267.
[24] *A fol.* 268.
[25] *A fol.* 269.
[26] *A fol.* 367.

permezz ta' *pen drive* s-servizzi mxandrin mill-mezzi tax-xandir tal-Partit rikorrent dwar il-każ in kwistjoni. In kontro-eżami kkonferma li l-argument dwar is-sors tal-filmati u l-privatezza, is-soċjetà intimata kienet għamlitu quddiem l-Awtorità intimata, iżda din kienet skartatu.

19. Waqt l-istess udjenza, il-Partit rikorrent ippreżenta dokument bħala prova ta' aħbar li kienet dehret fuq TVM, u li ġie mmarkat 'Dok. CD8'.[27]

20. Waqt l-istess udjenza tal-20 ta' Ottubru, 2023, xehed l-Avukat **Michael Piccinino**, prodott mis-soċjetà intimata.[28] Ikkonferma li huwa direttur tas-soċjetà Media Link Communications, u l-editur kien Robert Cremona. Irrileva li fuq il-mezzi tax-xandir tal-Partit rikorrent, kien ġie mxandar dak li kien seħħ fit-12 ta' Lulju, 2023, kemm ġewwa l-Parlament u anki barra.

21. Waqt l-udjenza tal-10 ta' Jannar, 2024, il-Partit rikorrent esebixxa nota flimkien ma' *pen drive,* li ġiet immarkata 'Dok. PMX01'.[29]

22. Waqt l-istess udjenza, xehdet **Dr Joanne Spiteri**, prodotta mis-soċjetà intimata in kontro-eżami.[30] Spjegat li hija kienet ilha nvoluta fl-Awtorità intimata għal iktar minn għoxrin sena, fejn illum tokkupa l-kariga ta' Kap Eżekuttiv. Qalet li l-Awtorità intimata kienet tiġi kkuppjata b'kwalunkwe ilment li jressaq terz fir-rigward ta' xi stazzjon, u hija kienet tgħaddih lill-Bord tal-Awtorità intimata sabiex dan isejjaħ smigħ, u eventwalment jiddeċiedi l-ilment. Kompliet tgħid li hija tkun preżenti waqt is-smigħ, iżda ma tipparteċipax fid-deċiżjoni u fid-diskussjoni ta' qabel. Ix-xhud spjegat li hija kienet għamlet riċerka li tmur lura sal-2012 dwar id-deċiżjonijiet tal-Awtorità intimata, fejn

---

[27] *A fol.* 454.
[28] *A fol.* 455 *et seq.*
[29] *A fol.* 473.
[30] *A fol.* 465 *et seq.*

kienu rriżultaw ukoll każijiet fejn l-ilment jintlaqa', iżda ma jingħatax rimedju, u każijiet oħra fejn tilqa' l-ilment u tordna sunt, u oħrajn fejn l-ilment ma jintlaqax, iżda xorta jsir sunt. Qalet li ġaladarba l-Awtorità intimata tkun laqgħet quddiemha lment, dan fih innifsu kien rimedju. Qalet li kien hemm ċirkostanzi fil-passat fejn l-Awtorità intimata tilqa' lment, iżda ma jintgħatax rimedju, u kkonfermat li ma kien hemm l-ebda linji gwida dwar dan, iżda minflok kull każ kien jitqies għalih. Fil-każ odjern spjegat li ma kien ingħata l-ebda rimedju, iżda ngħad li f'każijiet simili s-soċjetà intimata għandha tassigura rappurtaġġ. Żiedet tgħid li l-Awtorità intimata għandha wkoll is-setgħa li toħroġ akkuża. Fil-każ odjern ma kienitx intalbet għal xi nformazzjoni mil-Bord qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar l-ilment.

23. Waqt l-istess udjenza, is-soċjetà intimata ppreżentat nota b'dokument wieħed li kellu jiġi kkonfermat iktar 'il quddiem mill-Ing. Charles Dalli.

24. Waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2024, xehed l-**Avukat Michael Piccinino**, in kontro-eżami mill-Awtorità intimata.[31] Ikkonferma li l-avvenimenti tat-12 ta' Lulju, 2023, ġewwa u barra l-Parlament kienu ġew imxandra fuq in-NET TV. Qal li meta tressaq l-ilment, il-Partit rikorrent kien għamel ukoll talba sabiex dan jinstema' b'urġenza, u spjega li kull darba li jitressaq ilment minnu, kien jitħalla f'idejn l-Awtorità intimata għal dak li jirrigwarda rimedju. Fil-każ odjern kien intalab rimedju. Spjega li l-filmat kien rilevanti mhux għaliex kien hemm preżenti l-familjari ta' Jean Paul Sofia, iżda għaliex dawn kienu qegħdin jikkonfrontaw membri eletti tal-Eżekuttiv tal-pajjiż. Ikkonferma li fil-filmat kienet tidher omm Jean Paul Sofia tikkonfronta lill-Prim Ministru wara li ttieħed vot, u l-membri tal-Gvern ivvutaw kontra inkjesta pubblika. Irrileva li d-deċiżjoni

[31] *A fol.* 529 *et seq.*

tal-Awtorità intimata kienet ingħatat ġimgħa wara, minkejja t-talba għall-urġenza. Ikkonferma wkoll li fis-17 ta' Lulju, 2023, il-Gvern kien iddeċieda li jordna inkjesta pubblika, iżda dan għamel aktar rilevanti dak li kien seħħ fil-ġranet ta' qabel. Ix-xhud ammetta li fl-istess jum, il-Partit rikorrent kien ressaq ilment ieħor marbut mal-każ ta' Jean Paul Sofia, fejn ġie allegat nuqqas ieħor min-naħa tas-soċjetà intimata, u d-deċiżjoni ngħatat l-għada, u kien hemm rimedju billi ixxandar dak li kien qal il-Kap tal-Oppożizzjoni. Ikkonferma li l-filmati tat-12 ta' Lulju, 2023, baqgħu ma ġewx imxandra mis-soċjetà intimata.

25. Waqt l-istess udjenza, xehdet **Dr Joanne Spiteri**, prodotta mill-Awtorità intimata.[32] Ix-xhud esebiet permezz ta' *pen drive* estratti mill-aħbarijiet fuq in-NET TV u l-ONE TV tat-12 u tat-13 ta' Lulju, 2023, u anki it-trasmissjoni tal-Parliament TV, fejn twaqqfet is-seduta parlamentari, u tkompliet iktar tard. Dawn ġew immarkati bħala 'Dok. JS1'.[33] Qalet li l-punt ta' din il-prova kien li l-ebda stazzjon ma kien xandar il-filmat, u dan fil-kuntest tal-valur tal-aħbar f'dik il-ġurnata. Iddikjarat li hija ma kienitx qiegħda tikkontesta jekk l-aħbar kellhiex tixxandar *o meno*.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

26. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex qabel xejn tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati. Tibda bl-eċċezzjoni tal-intimati li l-Partit rikorrent naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji li huma disponibbli għalih skont il-liġi, u hawnhekk huma jagħmlu riferiment għall-artikolu 469A tal-Kap. 12. Tikkunsidra li tassew l-ewwel żewġ talbiet tal-Partit rikorrent huma msejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 13 tal-

[32] *A fol.* 539 *et seq.*
[33] *A fol.* 550.

Kap. 350, iżda l-kumplament tat-talbiet jittrattaw allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu b'riferiment għall-Artikoli 10, 13, 14 tal-Konvenzjoni u għall-artikoli 41 u 45 tal-Kostituzzjoni, fejn tagħraf li hija din il-Qorti biss skont is-subartikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tas-subartikolu 4(2) tal-Kap. 319, li għandha ġurisdizzjoni oriġinali sabiex tittratta u tiddeċiedi lment bħal dak odjern. Tikkunsidra wkoll li dawn it-talbiet huma saħansitra msejsa fuq l-obbligi li allegatament ġew miksura skont l-ewwel żewġ talbiet tal-Partit rikorrent, u huma għalhekk konsegwenzjali għalihom. Tgħid li għalhekk ir-rimedji li jistgħu jingħataw minn din il-Qorti skont is-setgħat tagħha, jistgħu saħansitra jindirizzaw kull effett li jista' jkollu fuq il-Partit rikorrent l-allegat ksur tal-obbligi tal-intimati kif imfissra fl-artikoli 119 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Kap. 350. Il-Qorti għalhekk ma ssibx li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Partit rikorrent, u b'hekk tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimati.

27. L-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità intimata, hija li l-Partit rikorrent m'għandu l-ebda interess ġuridiku, għaliex il-filmati ma kienux jolqtuh b'mod dirett. Il-Qorti tikkunsidra li l-fatt li l-Awtorità intimata ttrattat, iddeċidiet u laqgħet l-ilment tal-Partit rikorrent fil-konfront tas-soċjetà intimata, huwa biżżejjed biex twarrab din l-eċċezzjoni tagħha. Jekk tassew kif qiegħda tgħid li l-Partit rikorrent m'għandu l-ebda nteress ġuridiku f'dawn il-proċeduri, l-Awtorità intimata kienet mingħajr dubju tastjeni mill-ewwel milli tieħu konjizzjoni tal-ilment tiegħu. Tikkunsidra wkoll li l-filmati għandhom jittieħdu fil-kuntest sħiħ ta' dak li kien qed jiġri fit-12 ta' Lulju, 2023 ġewwa l-Parlament, fejn kien proprju l-Partit rikorrent li ressaq mozzjoni fejn talab li ssir inkjesta pubblika, u kellu kull interess li jixxandru l-filmati tal-kommozzjoni li nqalgħet dakinhar fl-i*Strangers' Gallery* ġewwa l-Parlament fi tmien id-diskussjoni parlamentari dwar il-mozzjoni tiegħu, fejn kien hemm il-familjari tal-mibki Jean

Paul Sofia, in partikolari l-ġenituri tiegħu, u anki barra l-Parlament fejn għal darb'oħra kienu nvoluti l-istess familjari, li kienu qegħdin jitolbu għal inkjesta pubblika dwar il-mewt tiegħu. Ċertament l-impatt li kellhom iħallu l-filmati in kwistjoni fuq min jarahom, kellu jservi sabiex jagħti bixra oħra lill-mozzjoni li kienet qiegħda titressaq mill-Partit rikorrent. Għaldaqstant hawnhekk ukoll il-Qorti ma ssibx li hija ġustifikata l-eċċezzjoni tal-Awtorità intimata.

28. Għal dak li jirrigwarda l-mertu, il-Qorti tagħraf li l-Partit rikorrent qiegħed hawnhekk jilmenta li l-intimati naqsu milli jħarsu l-obbligi tagħhom kif imfissra fl-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 13 tal-Kap. 350, u provvedimenti oħra viġenti, billi m'aċċertawx li tinżamm l-imparzjalità xierqa, u fil-każ tas-soċjetà intimata din naqset partikolarment milli xxandar l-avveniment tat-12 ta' Lulju, 2023, fir-rigward tar-reazzjoni tal-familja ta' Jean Paul Sofia ġewwa u anki barra l-Parlament, iżda wkoll naqset milli xxandar bħala aħbar id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata dwar l-istess nuqqas tagħha.

29. L-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, jgħid kif ġej:

> "119. (1) Tkun funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir li tiżgura illi, safejn ikun possibbli, f'dawk is-servizzi ta' xandir ta' smigħ u televiżjoni li jistgħu jkunu provduti f'Malta, tiġi miżmuma imparzjalità xierqa dwar ħwejjeġ ta' kontroversja politika jew industrjali jew li jirriferixxu għal policy pubblika korrenti u illi l-faċilitajiet u l-ħin ta' xandir huma mqassma b'mod xieraq bejn persuni li jkunu ta' partiti politiċi differenti.
>
> (2) Il-funzjoni tal-Awtorità dwar ix-Xandir imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun bla ħsara għal dawk il-funzjonijiet u dmirijiet l-oħra li jistgħu jiġu mogħtija lilha b'xi liġi li tkun dak iż-żmien isseħħ f'Malta."

30. Il-para. (b), (ċ) u (f) tas-subartikolu 13(2) tal-Kap. 350, jipprovdu kif ġej:

> "(2) F'dak li għandu x'jaqsam mas-servizzi ta' xandir ta' interess ġenerali u fejn l-Awtorità tħalli programmi ta' aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti jiġu mxandra minn dawn is-servizzi, ikun id-dmir tal-Awtorità li tissodisfa lilha nnifisha, kemm jista' jkun, li l-programmi imxandra minn kull servizz ta' xandir ta' interess ġenerali jkun konformi

ma' kollha jew xi wħud mill-ħtiġiet li ġejjin kif l-Awtorità tista' timponi fil-liċenza tax-xandir, jiġifieri –

> ...
>
> (b) li l-aħbarijiet kollha mogħtija fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-eżattezza dovuta;
>
> (ċ) li jingħata ħin biżżejjed lill-aħbarijiet u avvenimenti kurrenti u li l-aħbarijiet kollha fil-programmi (f'liema għamla tkun) jiġu preżentati bl-imparzjalità dovuta;
>
> u
>
> (f) li tinżamm l-imparzjalità dovuta dwar ħwejjeġ ta'kontroversja politika jew industrijali jew li għandhomx'jaqsmu ma' policy pubblika kurrenti".

31. M'hemmx dubju li fil-każ odjern, l-Awtorità intimata naqset milli tassigura l-imparzjalità xierqa li tirrikjedi mingħandha l-Kostituzzjoni permezz ta' dawn id-disposizzjonijiet, u saħansitra weriet hija stess nuqqas ta' imparzjalità fid-dmirijiet tagħha. Jirriżulta mix-xhieda tal-Inġinier Charles Dalli[34], li fid-datata tat-12 ta' Lulju, 2023 kellu l-kariga ta' *Chief Operations Officer* u *Editor-in-Chief* mas-soċjetà intimata, li l-filmati in kwistjoni li l-Partit rikorrent qiegħed jinsisti li kellhom jixxandru, kienu ttieħdu minn ġewwa l-Kamra tad-Deputati u ttellgħu fuq il-mezzi soċjali mid-Deputata Eve Borg Bonello. Jirriżulta wkoll mix-xhieda ta' Ray Scicluna, l-iSkrivan tal-Kamra tad-Deputati, li ma kien hemm l-ebda regola li tindirizza l-użu ta' *mobile phone* mid-deputati ġewwa l-istess Kamra tad-Deputati, u kienet saret biss rakkomandazzjoni mill-i*Speaker* permezz ta' *ruling* li ngħata waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu, 2023.[35] Il-Qorti tagħraf bħala fatt mhux ikkontestat li l-filmati in kwistjoni qatt ma ġew imxandra mis-soċjetà intimata fuq il-mezzi tagħha tax-xandir. Il-Partit rikorrent ressaq ilment quddiem is-soċjetà intimata, liema ilment irċeviet kopja tiegħu l-Awtorità intimata, li semgħet l-istess ilment jumejn wara fis-17 ta' Lulju, 2023,

[34] *A fol.* 250-251.
[35] *A fol.* 243.

iżda mbagħad damet sas-26 ta' Lulju, 2023, sabiex tat id-deċiżjoni tagħha.[36] Il-Qorti tikkunsidra li f'ċirkostanzi fejn l-Awtorità intimata nnifisha għarfet l-importanza tal-immedjatezza u ta' deċiżjoni f'waqqtha[37], fid-dawl tal-obbligi tagħha lejn iċ-ċittadin li huma saħansitra mfassla fil-Kostituzzjoni, dan id-dewmien ta' disgħat ijiem huwa inaċċettabli. Dan fil-fehma tal-Qorti huwa l-ewwel miż-żewġ nuqqasijiet kbar min-naħa tal-Awtorità intimata fil-każ odjern, f'ċirkostanzi li kienu jimmeritaw li jiġu ttrattati b'aktar delikatezza, speditezza u urġenza. Hawnhekk m'aħniex qegħdin nitkellmu dwar l-aġir ta' xi deputat ġewwa u barra l-Kamra, iżda l-aġir ta' omm, missier u familjari oħra ta' ġuvni li f'età tenera tilef ħajtu meta ġġarraf bini fl-istadju tal-kostruzzjoni ġewwa Kordin. Kif sewwa qal ix-xhud Frank Farrugia, il-każ kien wieħed *"delikat"* min-natura tiegħu, u hekk kellu jiġi ttrattat, iżda jidher li l-Awtorità intimata fehmet mod ieħor, u kkunsidratu minflok bħala *"ordinary business of the day".* Tant hu hekk li hija saħansitra ma pprovdiet l-ebda rimedju meta finalment wara disgħat ijiem tat id-deċiżjoni tagħha, u dan iwassal għat-tieni nuqqas grossolan tagħha. Fix-xhieda tiegħu, Frank Farrugia ma jagħti l-ebda spjegazzjoni għal dan id-dewmien, fejn saħansitra għaraf li *"...sadanittant jinqalgħu ħafna problemi fil-pajjiż u aħna wasalna għad-deċiżjoni u ħriġna d-deċiżjoni".* Kliemu jixhdu l-indifferenza assoluta tal-Awtorità intimata lejn id-dmirijiet tagħha fejn, u dan kollu huwa rifless fil-parti deċiżiva tal-ilment tal-Partit rikorrent, fejn saħansitra wieħed kien raġonevolment jistenna mhux biss rimedju, iżda anki ċanfira qawwija f'ċirkostanzi fejn hija stess għarfet l-importanza tal-każ fl-istess deċiżjoni. Il-Qorti ma tifhimx kif ikkunsidrat il-fatt li fl-ilment tiegħu l-Partit

[36] Ara xhieda ta' Frank Farrugia 25.09.23 a *fol.* 70 *et seq.*

[37] Ara xhieda ta' Frank Farrugia 25.09.23 a *fol.* 72 u 73 fejn jgħid "...Imma dan huwa każ delikat illi ftit naħseb ġraw...minħabba l-importanza, dan kien is-Sibt, Monday stess jiena kkuntattjajt lill-PBS, ikkuntattjajt lill-Partit Nazzjonalista, u għidtilhom peress illi aħna llum għandna *sitting* biex nisimgħu il-każ, jekk tridu, jekk taqblu, għax is-soltu nagħtu ċans lill-PBS biex jirrispondi, jekk tridu jiena nisma' ż-żewġ każi li ha tressqu quddiemna...".

rikorrent kien talab għal rimedju[38], l-Awtorità intimata mhux biss ma pprovdiet għall-ebda rimedju, iżda naqset ukoll li tindirizza t-talba għal rimedju, u tispjega l-pożizzjoni tagħha, sabiex b'hekk ħalliet il-każ miftuħ. Ix-xhud Frank Farrugia spjega x'kienet il-pożizzjoni tal-Awtorità intimata fejn iddeċidiet li ma tordnax li jixxandru l-filmati in kwistjoni, iżda filwaqt li l-Qorti ftit issib bħala konvinċenti r-raġuni li ta, iżżid tgħid li trapass ta' disgħat ijiem minflok azzjoni f'waqtha, ikkontribwixxa wkoll sabiex l-Awtorità intimata ħadet id-deċiżjoni li ħadet. Konsegwentement il-Partit rikorrent ma kellu l-ebda alternattiva għajr li jintavola l-proċeduri odjerni. Il-każ huwa iktar inkwetanti meta l-Qorti tqis li l-Awtorità intimata ma ordnatx li tiġi mxandra d-deċiżjoni tagħha, fatt li ċertament ma jistax jiġi kkunsidrat taħt l-argument fallaċi tagħha li l-avvenimenti tal-ġranet ta' qabel, id-deċiżjoni tal-Gvern li fl-aħħar mill-aħħar jagħmel inkjesta pubblika, kienu ħassru l-importanza tal-ġrajjiet li seħħew ġewwa u barra l-Parlament fit-12 ta' Lulju, 2023. Id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata fejn laqgħet l-ilment tal-Partit rikorrent, kienet tindika biss in-nuqqasijiet tas-soċjetà intimata, xejn iktar. Imbagħad quddiem din il-Qorti, hija saħansitra waslet sabiex tiddefendi dak li għamlet is-soċjetà intimata, billi ressqet prova ta' dak li naqqsu wkoll milli jagħmlu stazzjonijiet oħra.

33. Għal dak li jirrigwarda s-soċjetà intimata, huwa applikabbli fil-konfront tagħha s-subartikolu 10(4Ċ) tal-Kap. 350, li jimponi fuqha l-istess obbligi mposti fuq l-Awtorità intimata permezz tal-Kostituzzjoni, il-Kap. 350, u l-liġi sussidjarja magħmula taħtu:

> "(4Ċ) Stazzjonijiet li jkunu proprjetà jew kontrollati mill-kumpannija tal-Gvern imsemmija fis-subartikolu (4D) jew li dwarhom dik il-kumpannija tkun responsabbli editorjalment għandu jkollhom liċenza mill-Ministru. Sabiex l-Awtorità tkun tista' taqdi d-dmirijiet regolatorji tagħha skont il-liġi, il-Ministru għandu, kemm jista' jkun

[38] Ara kopja ilment *a fol.* 33.

> malajr, wara d-data tal-ħruġ ta' kull liċenza lill-kumpannija tal-Gvern hawn qabel imsemmija, jinnotifika bil-miktub lill-Awtorità b'kopja ta' dik il-liċenza. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, dan l-Att u kull liġi sussidjarja magħmula taħtu għandhom jibqgħu japplikaw għal dak id-detentur ta' dik il-liċenza."

34. B'hekk ukoll s-soċjetà intimata hija marbuta bl-obbligu ta' imparzjalità, u sabiex il-leġislatur jassigura li l-obbligu jkun wieħed reali, huwa stabbilixxa l-proċedura tal-ilment permezz tal-artikolu 21A tal-Kap. 350. Kif rat il-Qorti, fil-każ odjern l-ilment intlaqa' mill-Awtorità intimata, iżda din dehrilha li rimedju li jiġu mxandra l-filmati in kwistjoni, ma kienx opportun fiċ-ċirkostanzi. Il-Qorti diġà esprimiet il-fehmiet tagħha dwar dan in-nuqqas, u għalhekk ser tgħaddi sabiex tinvestiga jekk min-naħa tagħha s-soċjetà intimata kellhiex xi obbligu ieħor għajr li tieħu sempliċi konjizzjoni ta' dak li fissret l-Awtorità intimata fid-deċiżjoni tagħha meta qalet *"...l-istazzjon pubbliku kien mistenni li jirrapporta mhux biss fir-rappurtaġġ miktuba tiegħu imma anke wkoll il-viżwal".* Jirriżulta mix-xhieda[39] tal-Inġ. Charles Dalli tad-9 ta' Ottubru, 2023, u mid-dokumenti ppreżentati minnu waqt dik l-udjenza, li almenu fi tliet istanzi fejn l-Awtorità intimata ma laqgħetx l-ilment tal-Partit rikorrent kontra s-soċjetà intimata u ma ngħata l-ebda sunt, is-soċjetà intimata xandret id-deċiżjoni tal-imsemmija Awtorità intimata. Tassew din il-Qorti tgħid li l-unika konklużjoni li tista' tinġibed minn dan kollu, hija li s-soċjetà intimata li għandha doveri onerużi ferm bħala xandara pubblika, tittenta tostor mill-pubbliku dawk l-istanzi fejn tkun ingħatat deċiżjoni kontiriha mill-Awtorità intimata almenu fejn l-ilment ikun tressaq mill-Partit rikorrent, iżda mhux fejn l-ilment jkun ġie dikjarat mhux ġustifikat. B'riferiment għall-każ odjern, il-Qorti tirrileva li s-soċjetà intimata

[39] Ara partikolarment *fol.* 199 *et seq.*

naqset milli tagħti raġuni tajba għall-aġir tagħha, li wassal għal żbilanċ fix-xandir tal-aħbarijiet f'ċirkostanzi partikolari li kienu ta' portata konsiderevoli.

35. Il-Qorti ssib li l-aġir tal-intimati tassew wassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-Partit rikorrent kif sanċiti mill-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti ma tistax tonqos milli tagħraf li tassew pertinenti huwa dak li ssenjalat il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Ahmet Yildirim *v.* Turkey**[40], fejn qalet li *"...the Court has consistently emphasised that Article 10 guarantees not only the right to impart information but also the right of the public to receive it".* Dan id-dritt taċ-ċittadin huwa minqux fil-Konvenzjoni, fejn l-Artikolu 10 jipprovdi b'mod inekwivoku li saħansitra m'għandu jsib l-ebda tfixkil mill-awtoritajiet pubbliċi, bħal ma huma l-intimati fil-każ odjern:

> "1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-libertà li jkollu opinjonijiet **u li jirċievi**[41] u jagħti informazzjoni u ideat mingħajr indħil mill-awtorità pubblika u mingħajr ma jittieħed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma għandux jimpedixxi Stati milli jeħtieġu liċenzi għax-xandir, televiżjoni jew impriżi ċinematografiċi."

36. Bl-istess mod is-subartikolu 41(1) tal-Kostituzzjoni jagħraf dan id-dritt taċ-ċittadin, li hawn ukoll għandu jiġi assigurat li ma jsib l-ebda ndħil:

> "41.(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew bħala dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi mfixkel fit-tgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, magħduda libertà li jkollu fehmiet mingħajr indħil, libertà **li jirċievi**[42] idejiet u tagħrif mingħajr indħil, libertà li jikkomunika idejiet u tagħrif mingħajr indħil (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in ġenerali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u libertà minn indħil dwar il-korrispondenza tiegħu."

---

[40] App. 3111/10.
[41] Enfażi tal-Qorti.
[42] Enfażi tal-Qorti.

37. Il-Qorti tagħraf li fil-każ odjern l-aġir tal-intimati kien wieħed diskriminatorju fil-konfront tal-Partit rikorrent, riżultanti mid-diversi nuqqasijiet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom skont is-setgħat mogħtija lilhom mill-Kostituzzjoni u mid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 350 tal-Liġijiet ta' Malta. Tagħraf ukoll li bin-nuqqas li tagħti rimedju effettiv, l-Awtorità intimata naqset ukoll taħt l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

38. Fil-każ odjern, ma jirriżultax li l-Partit rikorrent sofra danni pekunjarji riżultat tan-nuqqasijiet min-naħa tal-intimati, ikkonstatati iktar 'il fuq f'din is-sentenza, iżda ċertament għandhom jiġu likwidati danni non-pekunjarji li għandhom jagħmlu tajjeb għall-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imsemmi Partit rikorrent. Il-Qorti tikkunsidra li l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) li għandu jiġi likwidat fil-konfront ta' kull wieħed mill-intimati rappreżentanti danni mhux pekunjarji, għandu jassigura kumpens ġust u suffiċjenti lill-Partit rikorrent għall-ksur li ġarrab.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, u tilqa' t-talbiet tal-Partit rikorrent fl-intier tagħhom billi wkoll (a) tillikwida l-ammont ta' elfejn Euro (€2,000) fil-konfront ta' kull wieħed mill-intimati, rappreżentanti danni mhux pekunjarji u li għandhom jitħallsu minn kull wieħed minnhom lill-Partit rikorrent; u (b) tordna li sunt spjegat u fidil ta' din is-sentenza għandu jixxandar b'mod u f'ħin prominenti fl-aħbarijiet tat-tmienja ta' filgħaxija fuq l-istazzjon televiżiv ta' TVM mhux iktar tard minn ġimgħa mid-data li fiha din is-sentenza ssir finali.**

**L-ispejjeż għandhom ikun a karigu tal-intimati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**